# Ir-Rapport Annwali
# 2024

Il-Kunsill
Nazzjonali
Tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Ir-Rapport Annwali 2024

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2025 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Arnhem Road, Pembroke PBK 1776

*ktieb.org.mt*

Stampat: Gutenberg Press

Disinn: Sarah Cachia Falzon

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-9918-9561-8-0: Rapport Annwali 2024 (Malti, verżjoni mitbugħa)
978-9918-9593-0-3: Rapport Annwali 2024 (Malti, ebook)

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jissellef, jingħata bħala donazzjoni jew jiġi riprodott f'xi parti minnu. Ma jistax jiġi riprodott f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ f'kull tip ta' forma jew b'kull mod ieħor jekk qabel ma jintalabx il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Werrej*



Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv *5*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *8*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *12*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *16*

Xogħol fuq Barra u Esportazzjoni Letterarja *18*

Inizjattivi Relatati mal-Marketing *24*

Konkorsi Letterarji *28*

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus *30*

Inizjattivi Oħra *32*

Ir-Rapport Finanzjarju *38*

ISBN u ISMN *40*

Jeddijiet tas-Self Pubbliku *74*

# *Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti għall-awturi, il-pubblikaturi, it-tradutturi, l-edituri u l-illustraturi. Dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Il-KNK jirrappreżenta lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex jitmexxew 'il quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; ivara diversi konkorsi letterarji; huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-KNK hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo,
Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776
Malta (UE)

*Telefown*
*+356 2713 1574 / 2730 0672*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

## L-Impjegati u d-Dettalji Dwarhom

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri
mark.camilleri.5@gov.mt

*Direttur Eżekuttiv*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Eżekuttiv tal-Kontijiet u l-Finanzi*
Natalija Ninkovikj
accounts@ktieb.org.mt

*Manager Anzjan*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Manager*
Andrew Ricca
andrew.ricca@ktieb.org.mt

*Manager*
Jasmine Bajada
jasmine-alexa.bajada@gov.mt

*Manager (Uffiċjal tal-ISBNs)*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Manager (Marketing)*
Teodor Reljić
teodor.reljic@gov.mt

## Membri tal-Bord tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

David Aloisio *(Kap Deputat)*
Daniela Attard Bezzina
Maria Brown
Sandra Hili Vassallo
Joanne Micallef
Omar Seguna
Godwin Vella
Matthew Borg *(Segretarju tal-Bord)*



Kap Eżekuttiv
Mark Camilleri

# *Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv*

*Meta jipprijoritarizza l-iżvilupp professjonali, il-KNK ikun qiegħed jinstiga l-eċċellenza u jassigura li l-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija tibqa' kompetittiva u relevanti lokalment u internazzjonalment.*



Għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-2024 tista' titqies bħala dik is-sena ta' xogħol produttiv u trasformazzjoni sinjifikanti. Il-proġetti li ħriġna bihom, imwielda minn diskussjonijiet b'saħħithom u passjoni komuni, tawna riżultati tanġibbli. Biswit l-inizjattivi ewlenin tagħna, bħall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Fond Malti tal-Ktieb, trawmu kollaborazzjonijiet ġodda li saħħew ħbiberiji eżistenti u firxu l-preżenza tagħna kemm lokalment u anki internazzjonalment.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-għodda ewlenija fl-isforzi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex jeleva l-istandards tal-industrija lokali tal-pubblikazzjoni. L-edizzjoni tal-2024 ma ċċelebratx biss id-diversità tal-letteratura Maltija, iżda pprovdiet pjattaforma u fori fejn setgħet isseddaq lilha nnifisha bis-saħħa ta' workshops u masterclasses. Dawn is-sessjonijiet indirizzaw imkejjen differenti tas-suq, fosthom il-kitba kreattiva, l-editjar, l-illustrazzjoni u l-illegar tal-kotba, u dan wassal sabiex l-imsieħba lokali jiltaqgħu ma' professjonisti u jaċċessaw opportunitajiet għal damma ta' ħiliet ġodda li bihom jissaħħu u jinnavigaw f'xefaq li kulma jmur jinbidel. Meta jipprijoritarizza l-iżvilupp professjonali, il-KNK ikun qiegħed jinstiga l-eċċellenza u jassigura li l-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija tibqa' kompetittiva u relevanti lokalment u internazzjonalment.

Il-preżenza internazzjonali tal-KNK kibret ġmielha. Punt importanti ta' dan kien it-tnedija tal-ewwel katalgu għad-drittijiet barranin li esebixxa lil-letteratura Maltija u fetaħ viji ġodda għal ftehimiet ta' traduzzjoni u pubblikazzjoni barra minn xtutna. Anki jekk ma tħarisx lejh mil-lenti tal-użu ewlieni tiegħu kif imsemmi hawnhekk, il-*Katalgu* jidher bħala tfakkira pjaċevoli tal-varjetà preżenti fl-industrija lokali tal-pubblikazzjoni u tal-ambizzjoni tagħha, li flimkien jibqgħu jipproduċu xogħol interessanti li tassew jistħoqqlu jilħaq udjenzi akbar barra minn Malta. Il-parteċipazzjoni tagħna fil-London Book Fair u l-Frankfurt Book Fair hija tarġa oħra lejn il-preżenza ta' Malta fil-mappa globali tal-pubblikazzjoni. Iż-żieda tal-KNK fin-Netwerk Ewropew tat-Traduzzjoni Letterarja (ENLit) hija turija tat-tħabrik tal-KNK biex tikber il-viżibbiltà

letterarja ta' Malta. Barra minn hekk, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb qed jattratta pubblikaturi barranin – ngħidu aħna miċ-Ċina u l-Italja – u n-numru kulma jmur jikber juri l-importanza tal-Festival bħala mkien għan-networking bejn operaturi lokali u internazzjonali. Se nibqgħu nibnu fuq dan, u l-edizzjoni tal-Festival li jmiss se tiffoka strateġikament fuq kif dawn il-konnessjonijiet jikbru sabiex il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ikun verament pjattaforma għall-iskambju letterarju u l-ħidma flimkien.

Is-settur letterarju qed jaffaċċja ċerti bidliet fl-ispejjeż tal-produzzjoni u l-preferenzi tal-qarrejja, iżda dawn l-isfidi jagħtuna opportunitajiet biex niġġeddu u naddattaw, u mhux nirreaġixxu u nsewwu fejn jidhrilna. Bis-saħħa ta' inizjattivi bħall-Fond Malti tal-Ktieb – li jwieżen proġetti ambizzjużi li ma jkunux kummerċjalment vjabbli u jippromwovi l-letteratura Maltija barra minn xtutna b'fondi għat-traduzzjoni – qed naħdmu lejn industrija li tikber fil-kreattività u żżid fil-kwalità.

Xogħol il-KNK fl-2024 tmexxa minn sens ta' responsabbiltà lejn it-titjib tal-kwalità tal-pubblikazzjonijiet lokali. Saru xi reviżjonijiet fir-regoli tal-fondi u l-premji wara konsultazzjoni kontinwa mal-imsieħba, u l-implimentazzjoni tagħhom tassigura aktar trasparenza fil-kuntest tal-ħtiġijiet tal-industrija. Importanti wkoll li l-korrettezza qatt ma tkun a skapitu tal-





Aktar minn 5,000 student żar il-45 edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fl-2024



kwalità. Minflok, tgħinna fit-twemmin tagħna li l-eċċellenza fil-pubblikazzjoni hija l-bażi għal suq letterarju kompetittiv u reżiljenti, li kapaċi jilqa' l-isfidi tax-xena kulturali tal-lum. B'ħaristna 'l quddiem, se naħdmu sabiex dawn il-kisbiet jixprunawna ninnovaw ix-xefaq letterarju Malti.

Allura kburi nħabbar li wara sena ta' konsultazzjoni intensiva mal-imsieħba, il-KNK se jkun qed iniedi fix-xhur li ġejjin l-Istrateġija ta' Ħames Snin bejn l-2025 u l-2030. Dan it-traġitt komprensiv jindirizza l-isfidi u jħaddan dawk l-opportunitajiet preżenti fl-ekosistema letterarja billi jipprijoritarizza l-kwalità, l-ekwità, u s-sostenibbiltà. Se niffukaw fuq ħames pilastri: it-tisħiħ tal-infrastruttura letterarja lokali, il-promozzjoni tal-kultura Maltija, it-twessigħ tal-aċċess u l-ingaġġ, it-tisħiħ tal-governanza, u l-ikkultivar tal-kollaborazzjonijiet.

Minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu magħna biex ilħaqna dak li lħaqna fl-2024 – mit-tim ta' impjegati tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sal-awturi, il-pubblikaturi, l-illustraturi u l-entitajiet kulturali li l-ħidma magħhom tassigura progress kontinwu. Flimkien nistgħu nfasslu ġejjieni fejn il-letteratura Maltija mhux biss tisseddaq lokalment, iżda tattira l-attenzjoni globalment. Ejjew inħaddnu l-opportunitajiet kollha li bihom nippreservaw il-wirt kulturali u nrawmu l-kreattività.





# *Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar premju letterarju prestiġġjuż mogħti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb lil awturi, pubblikaturi, illustraturi u tradutturi għal kotba ppubblikati f'Malta matul is-sena preċedenti. Fl-2024, is-sejħa kienet miftuħa għal tmien kategoriji fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li jkopru kotba għall-adulti, u sitta għall-Premju Terramaxka li jkopru kotba għat-tfal u l-adolexxenti. Il-kotba mressqa bħala finalisti u r-rebbieħa nfushom intgħażlu minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti li assigura l-ogħla grad ta' trasparenza u professjonalità.

Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024 tħabbru nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru waqt ċerimonja privata ppreżentata minn Clare Agius fil-Mużew Marittimu l-Birgu. Fl-indirizz tiegħu tal-ftuħ, il-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri feraħ lir-rebbieħa u l-finalisti kollha għall-kontribuzzjoni tagħhom lejn il-letteratura Maltija u nnota l-kisbiet tal-letteratura Maltija dis-sena, kif ukoll l-isforzi tal-professjonisti biex l-istandards lokali jibqgħu jogħlew għal dawk internazzjonali.

Għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024 tressqu total ta' 173 sottomissjoni, li ffurmaw il-lista t-twila. Bord independenti tal-aġġudikazzjoni għażel il-kotba rebbieħa minn lista finali ta' 61 xogħol – minn 12-il pubblikatur u 43 awtur u traduttur – li tħabbret fis-27 ta' Awwissu. 49 ktieb tniżżlu fil-lista finali, mifruxa mat-tmien kategoriji għall-adulti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – Rumanzi, Novelli, Poeżija, Drama, Traduzzjoni, Letteratura Mhux Fittizja, Riċerka u Riċerka Storjografika. 27 xogħol ieħor ikkompeta fost is-sitt kategoriji tal-Premju



Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024

*Għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024 tressqu total ta' 173 sottomissjoni, li ffurmaw il-lista t-twila*

Terramaxka, mogħti lil kotba miktuba għat-tfal u ż-żgħażagħ – Kotba għat-Tfal bejn 0-7 snin u 8-12-il sena, Letteratura għaż-Żgħażagħ, u Kotba Maqlubin għall-Malti għal tfal bejn 0-7 snin u 8-12-il sena; u Letteratura għaż-Żgħażagħ Maqluba għall-Malti.

Lil hinn minn dawn l-14-il kategorija kompetittiva, il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ta' kull sena jagħti wkoll numru ta' premjijiet speċjali. Fl-2024, il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura ngħata lil Giovanni Bonello, filwaqt li Ryan Falzon ingħata l-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jirrikonoxxi wkoll il-ħidma ta' żewġ pubblikaturi permezz tal-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra li jingħata lil ktieb immirat għall-adulti u ktieb immirat għat-tfal, li dis-sena ntrebħu minn Ede Books għall-pubblikazzjoni ta' *Il-Frammenti ta' Saffo* u Merlin Publishers għall-ktieb *M għal Malta*, rispettivament. Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jirċievu s-somma ta' €4,000, filwaqt li t-tradutturi rebbieħa tal-Premju Terramaxka jirċievu €2,000. Il-premju tal-kotba oriġinali għat-tfal jinqasam bejn l-awtur u l-illustratur. Apparti minn hekk, il-pubblikaturi tal-kotba rebbieħa kollha jirċievu premju ta' €1,000.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Terramaxka 2024: Ruth Ancilleri, Robert Attard, Nicole Bugeja, Roderick Mallia, Omar N' Shea, Maria Theuma, Mario Thomas Vassallo, Sherise Zammit u William Zammit. Ħajr speċjali jmur ukoll lil Margaret Callus minn Malta Libraries għall-klassifikazzjoni tal-kotba mressqa fil-kategoriji rispettivi tagħhom.



It-trofew tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

# *Il-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2024 għal kotba ppubblikati fl-2023*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
*Ma ntgħażlux finalisti*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Moffa u Rakkonti Oħra** — *Alfred Sant (Quinque)*
**Sjesta** — *Trevor Żahra (Merlin Publishers)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**The Bell** — *Maria Grech Ganado (Kotba Calleja)*
**Għażiż Ġismi** — *Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)*
**Daħlet ix-Xilep: Kontralimerikki tal-Pandemija** — *Adrian Grima (Klabb Kotba Maltin)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
*Ma kienx hemm sottomissjonijiet*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Fejjaqtni Int: Rużar Briffa – u Jien** — *Paul P. Borg (Awtoppubblikat)*
**Minn Marsa għal Marsa: Stejjer mit-Tuneżija** — *Clare Azzopardi, Katel Delia, Leanne Ellul (L-Ambaxxata ta' Malta fit-Tuneżija)*
**Bilkemm Jitwemmnu!: Stejjer Veri ta' Nies minn kull Rokna ta' Malta u Għawdex (L-Ewwel Volum)** — *George Cremona (Merlin Publishers)*
**Staying On in Malta** — *Paul Heywood (Midsea Books)*

*Letteratura Tradotta*
**Il-Frammenti ta' Saffo (Saffo)** — *trad. Warren Bartolo (Ede Books)*
**Dar fil-Limbu (Mary Calafato)** — *trad. Kit Azzopardi (Klabb Kotba Maltin)*
**Fjura tas-Sabbara, Fjura tax-Xadina (Irene Chias)** — *trad. Mark Vella (Klabb Kotba Maltin)*

Riċerka
**Pilatus: A Laundromat Bank in Europe** — *Robert Aquilina (Midsea Books)*
**Reforming Malta's Media System** — *Joseph Borg, Therese Comodini Cachia (Midsea Books)*
**Il-Kelma ta' Eddie Fenech Adami: Studju dwar id-Diskors u l-Kelma Użata** — *James Aaron Ellul (Klabb Kotba Maltin)*
**Karattri tal-Fantasija Maltin** — *Ġużi Gatt (Klabb Kotba Maltin)*
**Vincenzo Bonello: His Legacy in Heritage** — *ed. Theresa Vella (Kite Group)*

Riċerka Storjografika
**Jacques François de Chambray: The Order He Served, the Island He Loved, and the Fort He Built** — *Joseph Scicluna (Kite Group)*
**Health, Plague, and Society in Early Modern Malta** — *Carmel Cassar (Kite Group)*
**28 April 1958: Mintoff and the National Interest** — *Joseph M. Pirotta (Midsea Books)*
**Breaking the Law in Nineteenth-Century Malta: An Analysis of the Criminal Court Records 1838–1888** — *Evelyn Pullicino (Midsea Books)*
**At the Margins: Children, Petty Criminals, Suicides and Others in 19th Century Malta and Beyond** — *Michael Refalo (Kite Group)*

## Il-Premju Terramaxka

Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**Il-Praspar ta' Orsettu: Il-Logħba Virtwali** — *Sara Abela, ill. Matt Stroud (BDL Publishing)*
**Rola n-Nannakola Vjola** — *Ramona Attard, ill. Naomi Gatt (Awtoppubblikat)*
**M għal Malta** — *Naomi Gatt (Merlin Publishers)*
**Madame Ortensja Paskwalina De Rohan** — *Clare Azzopardi, ill. Moira Scicluna Zahra (Merlin Publishers)*
**Nina n-Nokkla u l-Kamaleonte tal-Ġnien** — *Nadia Abdilla, ill. Elisa Chetcuti (Klabb Kotba Maltin)*

Kotba għat-Tfal (Etajiet 8–12)
**Ir-Rigal tar-Re Ricardo** — *Janet Mallia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*
**Il-Każ tal-Kappell Ikkalibrat** — *Leanne Ellul, ill. Marisa Attard (Merlin Publishers)*
**Żraben** — *Trevor Żahra (Merlin Publishers)*
**Irvin Vella, Investigatur Virtwali: Il-Każ Pegasus** — *John A. Bonello, ill. Francesca Grech (Merlin Publishers)*
**Meta r-Ramel Sar Blu** — *Denise Muscat (Horizons)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ
**Min Tiela' u Min Nieżel: Ġabra ta' Novelli** — *Marie Louise Ellul, ill. Kite Group (Kite Group)*
**The Maltaverians: Konnessjoni Inkredibbli tal-Imħuħ (Ħarġa 2) / An Amazing Touch of Minds (Issue 2)** — *Martin G. Debattista, ill. Robert Caruana (Malta Digital Innovation Authority)*
**Iż-Żmien Kurjuż taż-Żgħożija** — *Clare Azzopardi, Glen Calleja (edi) (Aġenzija Żgħażagħ)*
**Danika Tiddeċiedi: Rumanz għaż-Żgħażagħ** — *Charles Casha (Klabb Kotba Maltin)*
**The Summer of the Great Storm** — *Charles Eynaud (Midsea Books)*

Kotba Maqlubin għall-Malti (Etajiet 0–7)
**Oħlom X'Se Ssir (Joseph T. Garcia; ill. Kimberley Barnes)** — *trad. Karl Scicluna (BDL Publishing)*
**L-Istorja ta' Peter il-Fenek (Beatrix Potter)** — *trad. Terence Portelli (Horizons)*
**Iddeverti Kemm Tiflaħ, Binti! (Mandy Archer; ill. Shane Crampton)** — *trad. Janet Mallia (BDL Publishing)*
**Din Xi Pjaneta Hi? (Eduarda Lima)** — *trad. Rachel Portelli (Merlin Publishers)*
**Lupu Lupettu Jsir il-Mexxej tal-Foresta (Orianne Lallemand; ill. Éléonore Thuillier)** — *trad. Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*

Kotba Maqlubin għall-Malti (Etajiet 8–12)
**It-Taħriġ tal-Pappagall (Rabindranath Tagore; ill. Shokofeh Ghafari)** — *trad. Terence Portelli (Horizons)*
**L-Awdaċi Detektiv Eda Fostna: Il-Ħallelin tal-Mobajls (Yilmaz Yeşildaš; ill. Betül Gönüllü)** — *trad. John A. Bonello (Faraxa Publishing)*
**Maskra Ħamra: Sensiela Kif Issir Supereroj 2 (Elias Våhlund; ill. Agnes Våhlund)** — *trad. Antoinette Borg (Merlin Publishers)*
**Tifkira ta' Milied (Truman Capote; ill. Beth Peck)** — *trad. Ludvic Azzopardi Ferrando (Merlin Publishers)*
**Il-Ħaġar li Jweswes: Sensiela Għanjet il-Lupu (Saviour Pirott; ill. Davide Ortu)** — *trad. Noel Tanti (Klabb Kotba Maltin)*

Letteratura għaż-Żagħżagħ Maqluba għall-Malti
**Fake ta' Veru (Nereida Carrillo; ill. Alberto Montt)** — *trad. David Aloisio (Merlin Publishers)*
**Aqla' Kjass!: Disa' Stejjer ta' Sfida (ed. Il Castoro)** — *trad. Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*

# *Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024*

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
*Ma ntgħażlux finalisti*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
*Ma ngħatax premju*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Għażiż Ġismi**
— *Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
*Ma kienx hemm sottomissjonijiet*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Fejjaqtni Int: Rużar Briffa – u Jien**
— *Paul P. Borg (Awtoppublikat)*

Letteratura Tradotta
**Il-Frammenti ta' Saffo (Saffo)**
— *trad. Warren Bartolo (Ede Books)*

Riċerka
**Vincenzo Bonello: His Legacy in Heritage**
— *ed. Theresa Vella (Kite Group)*

Riċerka Storjografika
**Jacques François de Chambray: The Order He Served, the Island He Loved, and the Fort He Built**
— *Joseph Scicluna (Kite Group)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
*Ede Books għal* **Il-Frammenti ta' Saffo (Saffo)**
— *trad. Warren Bartolo*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
*Ryan Falzon*

Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u Letteratura Maltija
*Daniel Massa*

---

# *Ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2024*

Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**Madame Ortensja Paskwalina De Rohan**
— *Clare Azzopardi, ill. Moira Scicluna Zahra (Merlin Publishers)*

Kotba għat-Tfal (Etajiet 8–12)
**Il-Każ tal-Kappell Ikkalibrat**
— *Leanne Ellul, ill. Marisa Attard (Merlin Publishers)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ
**Iż-Żmien Kurjuż taż-Żgħożija**
— *Clare Azzopardi, Glen Calleja (edi) (Aġenzija Żgħażagħ)*

Kotba Maqlubin għall-Malti (Etajiet 0–7)
**Iddeverti Kemm Tiflaħ, Binti! (Mandy Archer; ill. Shane Crampton)**
— *trad. Janet Mallia (BDL Publishing)*

Kotba Maqlubin għall-Malti (Etajiet 8–12)
**Maskra Ħamra: Sensiela Kif Issir Supereroj 2 (Elias Våhlund; ill. Agnes Våhlund)**
— *trad. Antoinette Borg (Merlin Publishers)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ Maqluba għall-Malti
**Fake ta' Veru (Nereida Carrillo; ill. Alberto Montt)**
— *trad. David Aloisio (Merlin Publishers)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
*Merlin Publishers għal* **M għal Malta**
— *Naomi Gatt*

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-45 edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb saret iċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) Ta' Qali bejn is-6 u l-10 ta' Novembru, u kienet l-akbar u l-aktar ċelebrazzjoni tal-kotba inklussiva li kienet organizzata sa issa f'Malta. Il-Festival huwa organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u dis-sena laqa' eluf ta' viżitaturi, minn studenti żgħar sa ħabbieba misjura tal-kotba, u għalhekk ikkonsolida postu bħala l-punt ta' riferenza fil-kalendarju kulturali Malti, speċjalment jekk wieħed iqis it-tema ta' dis-sena – #dinjietjirrimaw – li serviet bħala pjattaforma għall-karattru varjat tal-kultura letterarja.

Fl-edizzjoni ta' dis-sena, kien hemm rekord ta' 1,800 metru kwadru bl-istands li laqgħu aktar minn 40 esebitur, fosthom pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba, NGOs u organizzazzjonijiet kulturali. Iż-żieda sabiħa tal-istands personalizzati komplew żiedu mal-karattru viżiv tal-Festival, u għadd ta' esebituri wrew x'jafu b'mod kreattiv u innovattiv. Il-Pjazza u l-imkejjen l-oħra tal-attivitajiet kellhom madwar 3,400 metru kwadru ta' spazju sabiex dak li jkun jirrilassa u jsib ċans iqalleb fil-kotba mixtrija jew iżur xi attività.




Il-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024, illustrat minn Ed Dingli u ddisinjat minn Sarah Cachia Falzon

*Fl-edizzjoni ta' dis-sena, kien hemm rekord ta' 1,800 metru kwadru bl-istands li laqgħu aktar minn 40 esebitur*

Il-programm tal-attivitajiet kellu żewġ stilel letterarji fih – il-kittieb bestseller mir-Renju Unit Anthony Horowitz u l-kittieb Irlandiż Paul Lynch, li rebaħ il-Premju Booker fl-2023 bir-rumanz *Prophet Song*. Dawn iċ-ċelebritajiet ipparteċipaw f'masterclasses u diskussjonijiet li ispiraw lill-kittieba u lill-qarrejja lokali.

Id-dimensjoni dinjija ssaħħet dis-sena, u l-KNK kellu l-pjaċir jilqa' l-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, l-Istitut Kulturali Taljan u l-German-Maltese Circle, li kkumplimentaw kollaborazzjonijiet oħra li l-KNK kellu mal-pubblikatur Taljan ta' letteratura sportiva Lab DFG u l-pubblikatur u poeta Emiratjan Ali AlShaali – prova oħra li l-Festival huwa art għammiela fejn in-nies tiltaqa' u x-xogħol Malti jivvjaġġa.

Wieħed mill-għanijiet tal-Festival hu li jsaħħaħ l-industrija letterarja Maltija, u dan jagħmlu b'workshops u masterclasses li jkopru stadji differenti mill-proċess tal-pubblikazzjoni, fosthom il-kitba, l-illustrazzjoni u l-illegar. Fost il-ġimgħa filgħodijiet ikun iddedikat għaż-żjajjar tal-iskejjel li jattendu xows ibbażati fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka. Il-Festival jagħlaq il-Ħadd, u dis-sena temmejnieh bil-wiri ta' dokumentarju, produzzjoni tal-KNK, dwar Daniel Massa, li fl-2023 rebaħ il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura waqt iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Bħala pont ewlieni bejn l-imsieħba differenti fl-industrija tal-kotba u l-ħabbieba tal-kotba lokali, il-Festival għandu parti ċentrali fl-iffaċilitar tal-laqgħat, id-djalogu u l-konverżazzjonijiet fundamentali dwar il-letteratura Maltija. Fil-Festival, il-qarrejja mhux biss jixtru, iqallbu f'dak li xtraw u saħansitra jxommu r-riħa ta' kotba ġodda, imma anki jitkellmu bejniethom dwar kif l-industrija – u l-kotba li tipproduċi – jistgħu jkomplu jitjiebu.

L-istess ħeġġa l-Festival jinvestiha fl-inklussività, is-sostenibbiltà u l-komunità. Il-Kamra Sensorja, immaniġġjata mill-Inspire Malta u mwieżna mill-APS Bank, ipprovdiet spazju bi stimulazzjoni baxxa għal tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu, sabiex il-familji jgawdu l-Festival minn post sigur.

Il-Malta Community Chest Fund Foundation (MCCF) immaniġġjat il-kafetterija tal-Festival, u l-qliegħ kollu mar għand persuni li jeħtieġu għajnuna kritika. Bl-istess mod, Jacob's Brew irritornaw bil-vann tal-kafè u l-kunċett tagħhom 'Ħallas 'il ta' Warajk', bil-qliegħ imorru għall-NGO Survivors Malta li torganizza inizjattivi li jwieżnu lil persuni fl-ITU u proġetti ta' terapija bl-annimali.

Is-sostenibbiltà kienet tema oħra tal-Festival, u kellna magħna msieħba bħall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma li ppromwovew prattiċi ekokonxji b'attivitajiet edukattivi u anki stazzjonijiet imnejn stajt timla l-ilma fl-istess flixkun. Intant, il-Benna nedew il-kampanja tagħhom 'Gawdih minflok Taħlih'.

Dis-sena ttellgħet għat-tielet darba l-esebizzjoni *From Illustration to Book*, bi sħab mal-Kunsill Malti għall-Arti. Il-Malta Community of Illustrators (MCOI) żiedu mal-esebizzjoni billi kellhom sezzjoni bi qxur ta' kotba li fuqhom wieħed seta' jara kif kull illustratur jimmaġina lil Malta fil-ġejjieni. Dil-parti tal-esebizzjoni kien jisimha 'Għada jibda bl-Għajn', u l-għan tagħha kien li tqanqal djalogu dwar is-sostenibbiltà u l-ippjanar urban, u kienet imwieżna mill-MCAST u l-Gutenberg Press.

Is-sezzjoni 'Illustration Today' fit-tielet edizzjoni tal-esebizzjoni *From Illustration to Book*



L-esebizzjoni *From Illustration to Book* inkludiet sezzjoni interattiva għat-tfal bl-isem ta' 'Maltese Illustrated Characters'



Kym Pepe tkanta żewġ poeżiji ta' Daniel Massa, adattati għall-mużika minn Jimmy Bartolo, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura





Xows teatrali ta' Steve Hili għall-istudenti bbażati fuq kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka



Ir-rebbieħ tal-Premju Booker Paul Lynch f'konverżazzjoni mal-ġurnalista Emma Mattei



L-awtur bestseller Anthony Horowitz jagħti masterclass dwar il-kitba kreattiva bl-isem ta' *The World of Writing*

## L-esebituri li pparteċipaw

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Agenda Bookshop
Ahmadiyya Muslim Jamaat
Arts Council Malta
Benna
Il-Beżżul Bieżel
BDL Books
Bonfirraro Editore
Bookends
China Cultural Centre in Malta
Delicon Books
Faraxa Publishing
Fondazzjoni Saghtar
The French Embassy / Alliance Française / Lireka
German-Maltese Circle / Department of German, UM
Għaqda tal-Malti – Università
Heritage Malta Publishing
Horizons
Inanna Publishers
International Human Rights Art Movement
Inspire Malta
Istituto Italiano di Cultura La Valletta
Jens C. Büdinger
Kite Group
Klabb Kotba Maltin / Midsea Books
Kotba Calleja
Librerija Preca
Malta Libraries
Malta Online Bookshop
Malta University Distributors
The Maltese Society for Christian Civilisation – Pro-Malta Christiana
Meli Bookshop
Mellieħa Local Council
Merlin Library
Merlin Publishers
Pandora Books
Service Dogs Malta Foundation
SKS Publishers
University of Malta
UXBT Ltd
Wikimedia Community Malta



▲ Tfal tal-iskola jqallbu fil-kotba waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024, li laqa' aktar minn 40 esebitur

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*

Fid-disa' edizzjoni tiegħu, il-Fond Malti tal-Ktieb 2024 kellu l-allokazzjoni totali ta' €120,000 mifruxa fuq ħames kategoriji: Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda, bis-somma ta' €50,000; Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa, bis-somma ta' €10,000; Għotjiet għat-Traduzzjoni u l-Esportazzjoni (maqsuma f'żewġ kategoriji: Traduzzjoni u Esportazzjoni ta' Kotba minn Awturi Maltin, bis-somma ta' €40,000, u Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch, bis-somma ta' €5,000); u Għotjiet għat-Traduzzjoni lejn il-Malti, bis-somma ta' €15,000.

Is-sejħa pubblika għall-Fond Malti tal-Ktieb 2024 infetħet fis-26 ta' Marzu u sal-24 ta' Mejju, id-data ta' skadenza, intlaqgħu 88 sottomissjoni eliġibbli mifruxa fuq il-kategoriji kollha. Wara li l-proġetti kollha mressqa ġew iċċekkjati għall-eliġibbiltà, il-kompletezza, il-budget, il-fattibbiltà u l-mertu kulturali, 31 proġett ingħataw finanzjament sħiħ jew parzjali minn bord indipendenti maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan il-bord kien magħmul minn Aaron Aquilina, Caldon Mercieca, Conrad Thake u Karsten Xuereb.

F'din l-edizzjoni saru xi tibdiliet strutturali fil-fergħat tat-traduzzjoni sabiex ikun rifless aħjar l-element ta' esportazzjoni letterarja. Iż-żmien bejn li applikant jieħu l-fondi u t-tlestija tal-proġett twal minn 18-il xahar għal sentejn.

L-aktar punt b'saħħtu li ħareġ mill-kummenti tal-aġġudikanti kien dwar il-ħtieġa li jkun hemm impenn akbar mill-applikanti sabiex jinkludu s-servizzi ta' editjar u qari tal-provi. Saħqu li proġett li ma jagħtix importanza lill-editjar u l-qari tal-provi jinsab fi triqtu biex ikun potenzjalment ktieb fqir. Minkejja li b'mod ġenerali l-applikazzjonijiet kellhom id-dokumenti meħtieġa kollha u daħlu f'dettal rigoruż, l-aġġudikanti rrimarkaw li kien hemm uħud li naqsu sewwa milli jagħmlu dan.

Il-Fond tnieda fl-2015 bil-għan li jrawwem tkabbir kulturali fis-suq tal-ktieb lokali, biex jagħmel tajjeb għall-effetti tad-daqs relattivament żgħir tal-istess suq, li jaffettwa serjament il-kapital disponibbli għal pubblikazzjonijiet ta' kwalità, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-traduzzjoni u l-marketing. Il-Fond jinkoraġġixxi awturi, tradutturi u pubblikaturi biex jirrealizzaw il-proġetti tagħhom minkejja n-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali, kif ukoll isaħħaħ il-kunfidenza f'inizjattivi bħal dawn biex jassigura li dawn iseħħu.

L-għotjiet kollha li jingħataw jistgħu jitilgħu sa 100% tal-ispejjeż tal-proġett propost u massimu ta' €5,000, b'eċċezzjoni għall-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch li għandhom massimu ta' €500 għal kull proposta. Sabiex il-Fond jassigura li jwieżen kemm jista' jkun proġetti meritevoli, u biex juża l-fond kollu, il-KNK jirriżerva d-dritt li juża fondi mhux użati f'kategorija għal kategorija oħra.

L-amministraturi tal-fond tal-KNK jibqgħu jsegwu lill-applikanti li ħadu l-fondi sabiex jassiguraw li l-proġetti jitlestew fiż-żmien miftiehem.







Xi kotba ppubblikati fl-2024 li ħadu l-Fond Malti tal-Ktieb

# *Il-Proġetti Megħjuna mill-Fond Malti tal-Ktieb 2024*

| **Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Il-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' letteratura mhux fittizja bl-isem *Bur Mgħeż*. | Omar N'Shea | €5,000 |
| *Phase and Occasion* – antoloġija li tiġbor 31 poeta Malti u internazzjonali, illustrata minn Norbert Francis Attard, introdotta minn Ivan Callus u editjata minn Antoine Cassar. Il-ktieb jimmira li jeduka lill-qarrejja dwar il-poeżija moderna u kontemporanja kif ukoll l-arti viżiva. | Norbert Francis Attard Foundation | €5,000 |
| *Fl-Akbar Qilla: Il-Poeżiji ta' Ġużè Orlando* – edizzjoni kritika ta' aktar minn 150 poeżija miktubin minn Orlando bejn l-1919 u l-1940. | Joseph Borg | €5,000 |
| *Latest Studies on Medieval Malta* – ġabra ta' studji miktuba minn diversi awturi, li jinkludu l-aħħar riċerka dwar Malta Medjevali. | Dar Camilleri | €5,000 |
| *Forty-six Feet Short: The Tragic End of Vulcan Bomber XM645 and the Aftermath* – proġett dwar il-waqgħa ta' RAF Vulcan Bomber XM645 fiż-Żabbar fl-14 t'Ottubru tal-1975. Dan il-ktieb, li huwa bbażat fuq ir-riċerka kif ukoll intervisti, jiddeskrivi l-isfond storiku tal-istorja, x'wassal għall-inċident, l-investigazzjoni u l-konsegwenzi. | David Grech | €3,936 |
| *Tikka Malti Kuljum* | Mark Amaira | €5,000 |
| Il-pubblikazzjoni ta' *Antoloġija 1* ta' Aphroconfuso li se tinkludi 35 kitba minn 21 awtur differenti, fosthom novelli, poeżiji, monologi, esejs, reċensjonijiet u djarji. | Aphroconfuso | €5,000 |
| *Malta and Holy War: Religion, Society and the Spanish-Ottoman conflict for the Mediterranean* | Carmel Cassar | €5,000 |
| Il-pubblikazzjoni ta' ebook bi spunti dwar il-kitba kreattiva u t-tħejjija ta' manuskritti għall-pubblikazzjoni. | Christopher Gruppetta | €4,000 |
| *U Niftakar: Ħamsa u Għoxrin Sena ta' Inizjamed* – ktieb ta' esejs li jfakkar il-mixja ta' waħda mill-għaqdiet letterarji volontarji ewlenin. | Inizjamed | €5,000 |
| *Siġar Maltin tan-Nixxigħat* jiġbor fih tagħrif fuq il-ħajja tas-siġar u l-ambjent naturali tagħhom; kif dawn jistgħu jitnisslu u saħansitra kif jistgħu jintużaw fit-tisbiħ tal-art. | Alfred E. Baldacchino | €2,800 |

| **Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Edizzjoni ġdida ta' tliet rumanzi polizjeski ta' Pawlu Xuereb: *Is-Serqa ta' Nicola Cottoner, Qtil f'San Pawl il-Baħar* u *Il-Każ tat-Tfajla Maħruqa*. | Joseph Borg | €5,000 |
| *Tliet Nisa u Raġel* – dan il-proġett beħsiebu jippubblika mill-ġdid ix-xogħol letterarju stmat u magħruf tal-awtur rispettat Albert Cassola. | L-Għaqda tal-Malti u Klabb Kotba Maltin | €5,000 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni u l-Esportazzjoni** *Kat 1. – Traduzzjoni u Esportazzjoni ta' Kotba minn Awturi Maltin* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| *Connecting the Mediterranean* – traduzzjoni għat-Taljan ta' *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna* ta' Immanuel Mifsud. Traduzzjoni, pubblikazzjoni u distribuzzjoni tax-xogħol ta' Mifsud fis-suq tal-ktieb Taljan. | Emuse Books | €4186.60 |
| Traduzzjoni tar-rumanz *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna* ta' Immanuel Mifsud għas-Serb bl-użu tat-traduzzjoni Ingliża bħala pont. | Treći Trg | €5,000 |
| Traduzzjoni għat-Tork tar-rumanz *Jutta Heim* ta' Immanuel Mifsud. | Axis Publishing House | €5,000 |
| Traduzzjoni ta' *What Will It Take for Me to Leave* ta' Loranne Vella għall-Albaniż. | Shkupi Publishing House | €2,350 |
| Traduzzjoni għall-Albaniż u l-pubblikazzjoni ta' *A Book for Amy* ta' Charles Casha, bl-użu tat-traduzzjoni Ingliża bħala pont. | Gezim Tafa | €5,000 |
| Traduzzjoni għat-Taljan u l-pubblikazzjoni tar-rumanz ta' Immanuel Mifsud *In the Name of the Father (and of the Son)*. | Bonfirraro Editore | €5,000 |
| Traduzzjoni tar-rumanz *Sleep Now, O Sleep Now* ta' Immanuel Mifsud mill-Ingliż għal-lingwa Maċedonjana. | Julijana Velichkovska Dimonska | €4,829 |
| Traduzzjoni għall-Bulgaru u l-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' Rena Balzan *Bonds in the Mirror* of Time bl-użu tat-traduzzjoni Ingliża bħala pont. | Mariyka Prodanova | €5,000 |
| Traduzzjoni ta' *Jutta Heim* ta' Immanuel Mifsud għall-Grieg bl-użu tat-traduzzjoni Ingliża bħala pont. | Kalliopi Mavrea | €3,000 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni u l-Esportazzjoni** *Kat. 2 – Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Dan il-proġett għandu l-għan li jittraduċi silta minn *Sajf* ta' Ryan Falzon għall-Ingliż. | Ryan Falzon | €488 |
| *Max-Xatt tat-Tamarisk* – din hija ġabra oriġinali bil-Malti ta' poeżiji ppubblikati għall-ewwel darba fl-2022 bl-għajnuna tal-KNK minn Kotba Calleja. | Claudia Gauci | €500 |
| *Stessi* ta' Matthew Schembri (tradott minn Kat Storace) | Matthew Schembri | €500 |
| *Tita Tmiss l-Art* ta' Clare Azzopardi u Glen Calleja | Glen Calleja | €150 |
| *Tbajja' tax-Xemx u Stejjer Oħra għad-Dell* ta' Rita Saliba – ġabra ta' 100 mikrostorja, b'temi varji. | Rita Saliba | €500 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni lejn il-Malti** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti ta' *Rocchesante* ta' Irene Chias. | Mark Vella | €5,000 |
| *Stejjer mill-Użbekistan* – ġabra ta' 10 novelli mil-letteratura Użbeka maqluba għall-Malti mill-Ingliż. | Sergio Portelli | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Malti ta' *Fame d'Aria* ta' Daniele Mencarelli. | Christopher Gruppetta | €4,960 |
| Traduzzjoni mill-Franċiż u l-pubblikazzjoni tar-rumanz *Nana* ta' Émile Zola. | Joseph Pulè | €2,800 |

# *Xogħol fuq Barra u Esportazzjoni Letterarja*





Aspett importanti minn xogħol il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-ivvjaġġar tal-letteratura Maltija bis-saħħa tat-traduzzjoni. L-iffaċilitar tal-pubblikazzjoni ta' letteratura Maltija barra minn xtutna jifforma parti mill-missjoni tal-KNK li jpoġġi lill-industrija lokali tal-pubblikazzjoni fuq il-mappa internazzjonali. L-għan huwa li professjonisti fil-qasam tal-pubblikazzjoni jitfgħu għajnejhom fuq ix-xena lokali, biex b'hekk tiżdied il-viżibbiltà tas-suq lokali u l-professjonisti, u dan imbagħad jgħin biex id-dħul għall-pubblikturi, l-awturi u t-tradutturi Maltin jiżdied.

Għodda ċentrali huwa l-Fond Malti tal-Ktieb, li l-KNK jippromwovi f'diversi mkejjen internazzjonali matul is-sena. Il-Fond jgħin lill-awturi u l-pubblikaturi jsaħħu l-kuntatti tagħhom ma' barra, biex b'hekk il-preżenza kulturali ta' Malta tissaħħaħ globalment u potenzjalment dan iwassal biex l-imsieħba fl-industrija tal-kotba jagħmlu aktar flus bis-saħħa ta' kollaborazzjonijiet ma' operaturi internazzjonali.

Madankollu, xogħol il-KNK mhuwiex relatat biss mal-iffinanzjar dirett jew ma' ftehimiet ma' pubblikaturi u tradutturi barranin. Matul is-sena, il-Kunsill jipprovdi gwida lil awturi, imsieħba u entitajiet sabiex dawn iħarsu 'l hinn u jippubblikaw il-letteratura Maltija barra. Minkejja dan kollu, il-KNK jifhem li għad hemm ħafna xogħol xi jsir sabiex eventwalment titwaqqaf aġenzija letterarja li tagħmel dax-xogħol kif ukoll infrastruttura b'saħħitha li tweżinha.

## Il-London Book Fair

Il-London International Book Fair issir kull sena fl-Olympia, Kensington, u tlaqqa' taħt saqaf wieħed numru kbir ta' pubblikaturi żgħar u kbar, aġenti, professjonisti u negozjaturi tad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali. Il-KNK iqis dan l-avveniment bħala appuntament importanti għall-promozzjoni tal-letteratura Maltija. Dan l-avveniment joffri ċ-ċans lill-awturi u pubblikaturi Maltin biex jiltaqgħu ma' sħabhom fuq livell internazzjonali, u allura x-xogħol Malti jidher aktar, u minn hemm joktru ċ-ċansijiet għal opportunitajiet finanzjarji għall-komunità letterarja Maltija.

Il-KNK ipparteċipa fil-London Book Fair bejn it-12 u l-14 ta' Marzu, u esebixxa numru ta' kotba fosthom rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kemm fil-verżjoni oriġinali u anki f'dawk tradotti. Uħud minn dawn it-traduzzjonijiet saru possibbli bl-għajnuna tal-Fond Malti tal-Ktieb.

Proġett importanti tal-KNK għall-edizzjoni ta' dis-sena kien il-katalgu *Literature from Malta*. Stedinna lill-pubblikaturi Maltin jibagħtulna 5 titli tal-għażla tagħhom sabiex jidhru f'dal-katalgu li kien esebit f'Londra, u dan bi tkomplija wara li fl-2023 nedejna inizjattiva għall-pubblikaturi u l-awturi minn Malta bbażata fuq sejħa miftuħa biex iżuru u jipparteċipaw waqt workshops organizzati għalihom. Il-katalgu tqassam fil-LBF u f'fori internazzjonali oħra bħall-Frankfurt Book Fair, il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-ENLit u l-Abu Dhabi Book Fair.

L-illustraturi Maltin kienu mistiedna jesebixxu xogħolhom wara sejħa pubblika, u kellna total ta' tmien biċċiet li ntwerew fuq l-istand tal-KNK fil-London Book Fair. B'hekk, xogħolhom seta'

*Meta jiffaċilita l-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet Maltin barra minn xtutna, il-KNK ikun qiegħed jippożizzjona lill-industrija lokali fix-xena globali*




L-istand tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-London Book Fair 2024




L-istand tal-KNK ġewwa l-London Book Fair 2024 kellha Wirja tal-Illustraturi, b'xogħol ta' illustraturi Maltin

jiġi apprezzat mill-professjonisti internazzjonali tal-industrija u l-pubbliku ġenerali, minbarra li x-xogħol deher ukoll fuq *Literature from Malta.*

Il-KNK reġa' offra 20 biljett għad-dħul fil-fiera lil pubblikaturi, awturi u tradutturi minn Malta biex jiġu u jippromwovu xogħolhom, u dan fuq bażi ta' min ġie l-ewwel inqeda l-ewwel.

Komplejna bil-kollaborazzjoni mal-aġent letterarju veteran Simon Trewin, ħidma li ilha għaddejja mill-2022. Trewin ħa sehem f'seminar organizzat mill-KNK nhar it-13 ta' Marzu f'Londra fis-sezzjoni International Markets Theatre. Is-seminar, *Beyond Island Horizon: Literary Exploration on the Global Stage Starting in Malta*, ipparteċipaw fih Rita Saliba, u l-pubblikaturi mir-Renju Unit Kat Storace u Jen Calleja. Dawn




Is-seminar *Beyond Island Horizons* organizzat mill-KNK waqt il-London Book Fair 2024

tkellmu dwar il-karatteristiċi uniċi tax-xena letterarja Maltija u ddiskutew l-isfidi li jiltaqgħu magħhom pajjiżi żgħar meta jiġu biex jesportaw il-letteratura tagħhom fi swieq globali.

Il-KNK kellu ħafna laqgħat Londra, fosthom ma' pubblikaturi, edituri u aġenti letterarji. Bis-saħħa t'hekk, ġeddidna l-kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni tal-Commonwealth, u assigurajna li l-kittieba Maltin ikunu jistgħu jibqgħu jipparteċipaw fil-Premju Commonwealth għan-Novelli b'sottomissjonijiet bil-Malti u bl-Ingliż. Il-KNK ħa ħsieb ikopri l-ispejjeż ta' żewġ qarrejja bil-Malti, kif ukoll l-ispejjeż għat-traduzzjoni lejn l-Ingliż tan-novelli li ntgħażlu.

Kollaborazzjonijiet ma' msieħba internazzjonali kienu ffaċilitati mill-fundaturi ta' Praspar Press, Jen Calleja u Kat Storace, li laqqgħuna ma' pubblikaturi mir-Renju Unit bħal Comma Press u Foundry Editions, u anki m'organizzazzjonijiet prominenti bħal *Wasafiri* u PEN Transmissions. Il-frott ta' dawn il-kollaborazzjonijiet għandu jinqata' fl-2026 u l-2027. Dit-tip ta' ħidma mill-



Il-poeta Emiratjan Ali AlShaali mal-poeta Malti-Marokkin Murad Shubert u l-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024

KNK trawwem tkabbir tal-letteratura Maltija u fl-istess ħin tixprunaha lejn ix-xefaq letterarju globali b'mod strateġiku.

Il-KNK saħħaħ il-medda internazzjonali tiegħu permezz ta' kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Emiratjana għal-Letteratura (ELF), li diġà ssarfet fi skambju letterarju bejn poeta Malti u kittieb Emiratjan waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Bl-istess mod, dis-sħubija se tiffaċilita s-sehem tal-awturi Maltin fil-Festival tal-Letteratura Emiratjan fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, f'Jannar tal-2025, rappreżentant mill-KNK se jattendi l-Konferenza tad-Diretturi tal-Festivals organizzata mill-ELF f'isem l-Assoċjazzjoni Globali tal-Festivals tal-Letteratura (GAoLF). Dan l-avveniment se joffri lid-diretturi tal-festivals opportunità imprezzabbli biex jaqsmu l-għarfien tagħhom, jiddiskutu l-isfidi komuni għalihom u jibnu xirka ta' sapport fi ħdan il-komunità tal-festivals letterarji globali.

Permezz ta' dawn l-inizjattivi, il-KNK ikompli jippromwovi l-letteratura Maltija fuq pjattaformi internazzjonali, u waqt li jwettaq dan joħloq kollaborazzjonijiet ta' valur kif ukoll opportunitajiet għall-awturi, illustraturi u pubblikaturi Maltin biex jirnexxu f'dinja letterarja dejjem aktar konnessa.

## Lejn it-twaqqif ta' aġenzija letterarja u tad-drittijiet barranin f'Malta

Il-KNK kompla bid-diskussjonijiet li beda fl-2022 sabiex naraw li titwaqqaf aġenzija letterarja ddedikata f'Malta. Dawn id-diskussjonijiet bnew fuq ir-rapport li pprepara l-konsulent Simon Trewin, li fih wera li aġenzija letterarja f'Malta ma tkunx sostenibbli finanzjarjament. Is-suġġett komplejna

nitkellmu dwaru fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, b'għadd ta' professjonisti tal-pubblikazzjoni li attendew masterclass dwar l-industriji internazzjonali tal-pubblikazzjoni u r-Renju Unit. Sena wara, waqt il-Festival tal-2024, Trewin ipparteċipa fl-Ispeed Dating Letterarja ma' msieħba lokali, kif ukoll saru pjanijiet għax-xogħol li għandu jsir fl-2025. Il-pjan t'azzjoni se jkun direzzjonat lejn kif Malta tista' tipparteċipa fl-ekosistema globali tal-pubblikazzjoni. Bil-gwida ta' Trewin, il-KNK se jippubblika t-tieni katalgu ta' drittijiet barranin, bl-approvazzjoni ta' bord konsultattiv. Trewin se jorganizza wkoll traineeships u mentorships għat-talent lokali.

Pjanijiet oħra mal-ħin jinkludu webinars, seminars u attivitajiet kif ukoll konsultazzjoni wiesgħa mal-awturi u l-pubblikaturi waqt il-laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-imsieħba tagħna. Il-mira se tkun li niffaċilitaw il-kuntrattwalizzazzjoni u nassiguraw id-drittijiet tal-pubblikazzjoni riżultat tat-traduzzjoni tal-letteratura Maltija.

## Frankfurt Book Fair u s-sħubija tal-KNK mal-ENlit

Wara laqgħa li kienet saret waqt il-London Book Fair 2024 ma' Margit Walsø, Chair tan-Netwerk Ewropew għat-Traduzzjoni Letterarja (ENlit), u Alexandra Büchler, Membru fil-Bord tal-ENlit, il-KNK kien kburi jħabbar li ngħaqad mal-ENlit wara li ttieħed vot waqt il-laqgħa annwali ġenerali fil-Frankfurt Book Fair 2024. Dan it-tragward juri l-impenn tal-KNK biex irawwem kollaborazzjonijiet internazzjonali fl-ambitu tat-traduzzjonijiet letterarji.

Qabel ma ttieħed il-vot, il-KNK ressaq il-każ tiegħu biex ikun ikkunsidrat, u fih elenka l-isforzi tiegħu biex ixerred il-letteratura tradotta minn u lejn Malta. Il-parteċipazzjoni tal-KNK fl-ENlit għandu jeleva lill-awturi, it-tradutturi u l-pubblikaturi Maltin u fl-istess ħin jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' letteratura differenti u aċċessibbli għal kulħadd. L-ENlit fih aktar minn 30 organizzazzjoni kulturali mill-Ewropa u lil hinn, u għalhekk huwa pjattaforma ta' kollaborazzjoni influwenti.

## Lab DFG u l-*Premju Invictus*

Dan l-avveniment seħħ b'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Maltija fl-Italja, u matulu ġew esebiti żewġ kotba tal-isports minn awturi Maltin fl-ambitu prestiġġjuż tal-*Premju Invictus*.




L-awtur Carmel Baldacchino u t-traduttur Mark Vella waqt iċ-ċerimonja tal-*Premju Invictus* 2024 organizzata minn Lab DFG

Iċ-ċerimonja saret nhar it-12 ta' Settembru f'Palazzo Cateani, Latina. B'hekk l-ewwel żewġ kontribuzzjonijiet internazzjonali u minn Malta f'dal-premju kienu *Goal* ta' Carmel Baldacchino u t-traduzzjoni ta' Mark Vella *L-Aħħar Sajf ta' Berlin* (*L'ultima estate di Berlino* ta' Federico Buffa u Paolo Frusca), hekk kif qabel dal-premju ma kienx jiftaħ għal sottomissjonijiet mhux mill-Italja. Il-KNK ħadem mad-Direttorat Internazzjonali tal-UE għall-Iżvilupp tal-Politika sabiex jiffaċilita s-sottomissjonijiet u jwieżen lill-awturi Maltin jattendu s-serata. L-Italja kienet il-mistiedna speċjali fil-Frankfurt Book Fair, u n-nies mill-*Premju Invictus* kienu hemm ukoll.

Id-dar tal-pubblikazzjoni Taljana Lab DFG u l-*Premju Invictus* ipparteċipaw ukoll waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024. Lab DFG ipparteċipaw waqt id-diskussjoni *'L Hinn mill-Kick-Off: Il-Kitba Sportiva f'Malta*, immoderata minn Mark Vella. L-editur ta' Lab DFG Giovanni Di Giorgi, il-ġurnalist Charles Camenzuli u l-awtriċi Maria Borg Cremona esploraw ir-rabtiet kulturali u letterarji bejn Malta u l-Italja, l-aktar fl-ambitu sportiv. Dan l-avveniment jaf iwitti t-triq għal sinerġiji oħra u kollaborazzjonijiet isħaħ mal-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija. Waqtu ġew diskussi l-potenzjal tal-komiks u tar-rakkuntar innovattiv biex jiġbed lill-qarrejja żgħar, kif ukoll id-dokumentazzjoni ta' ċelebritajiet sportivi Maltin bħala turija tal-evoluzzjoni ta' nazzjoni mil-lenti tal-isports.




Diskussjoni ma' Lab DFG dwar il-letteratura sportiva f'Malta waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024

## Ir-ritraduzzjoni u l-editjar ta' xogħol Dun Karm fiċ-Ċiniż

Fl-2017 is-suġġeriment tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb – dik li korpus ta' xogħol il-Poeta Nazzjonali Dun Karm jinqaleb f'ħames lingwi: l-Ingliż, it-Taljan, l-Għarbi, ir-Russu u ċ-Ċiniż – iddaħħal fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista. Kull traduzzjoni tinkludi 39 poeżija li flimkien jirrappreżentaw l-essenza tal-kontenut letterarju ta' Dun Karm, kif ukoll il-poema *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. Ma' dawn hemm introduzzjoni u kummentarju kritiku.

It-traduzzjonijiet għall-Ingliż, it-Taljan, l-Għarbi u r-Russu lesti diġà u jinsabu f'idejna, u fl-2021 ġie ffirmat kuntratt għat-traduzzjoni lejn iċ-Ċiniż Mandarin. Ix-xogħol fuq il-verżjoni Ċiniża tinsab fil-fażi aħħarija tar-ritraduzzjoni u l-editjar. It-traduzzjoni ta' dawn il-poeżiji titlob livell eċċezzjonali ta' preċiżjoni u sensittività kulturali, b'mod partikulari minħabba li jridu jimtlew dawk l-ispazji battala li jinħolqu f'xogħlijiet letterarji li ġejjin minn pajjiżi kulturalment differenti. Intant, kemm jista' jkun, qiegħda tiġi mwassla t-tifsira letterali tal-poeżiji oriġinali Maltin filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità artistika, il-profondità emozzjonali u r-reżonanza kulturali tagħhom.

Ir-ritraduzzjoni hija proċess kumpless li teħtieġ l-involviment ta' akkademiku espert fil-letteratura

kemm Ċiniża u kif ukoll Maltija. Għal dan il-għan, instabet persuna li magħha t-traduttur Malti qed jiddiskuti ċertu sfumaturi u sottiljezzi sabiex ix-xogħol ikun l-aħjar wieħed li jista' joħroġ. Din l-esperta qiegħda wkoll tikteb id-daħla tal-proġett.

## Il-KNK jiddefendi l-għażla tiegħu tal-EUPL fi Brussell

Fl-2023 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien maħtur sabiex f'isem Malta jinnomina rumanz għall-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura (EUPL). In-nomina tissodisfa damma ta' kriterji li jirriflettu l-filosofija tal-EUPL li timbotta fuq skala internazzjonali għadd ta' awturi emerġenti.

Il-lista tal-finalisti li tinkludi n-nomini minn kull pajjiż tħabbret fl-ewwel jiem ta' Marzu 2024. Mill-2022 'l hawn il-premju m'għadux jingħata lil kull nomina minn kull pajjiż. Minflok, ġurija tiddeċiedi fuq rebbieħ fuq kulħadd, flimkien ma' ħames nomini oħra li jkun ħaqqhom mertu, magħżula minn 14-il silta tradotta. Il-ġurija tħares lejn il-kisba letterarja tax-xogħol u l-ħila tiegħu li jittraxxendi l-fruntieri.

Ir-rebbieħ fuq kollha tal-Premju EUPL u l-ħames nomini l-oħra tħabbru f'April tal-2024 waqt il-ftuħ tal-Fiera tal-Kotba fi Brussell. F'April, rappreżentant mill-KNK siefer lejn Brussell biex jiddefendi n-nomina tiegħu quddiem bord internazzjonali ta' ġurija ftit jiem qabel fetħet il-Fiera tal-Kotba fi Brussell.

Sfortunatament, l-għażla minn Malta għall-EUPL m'għamlithiex mas-sitt nominati, iżda r-rumanz magħżul u l-awtur, *Ir-Re Borg* (SKS Publishers, 2022) ta' Aleks Farrugia, qed jiġu promossi madwar l-Ewropa kollha bħala parti mill-missjoni tal-EUPL li jpoġġu l-attenzjoni fuq il-kreattività u d-diversità fl-għana tal-letteratura kontemporanja Ewropea fil-qasam tal-finzjoni, u li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tal-letteratura fl-Ewropa u biex jinkoraġġixxu interess akbar f'xogħlijiet letterarji mhux nazzjonali.

In-nomina ta' Malta għall-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura 2024, *Ir-Re Borg* ta' Aleks Farrugia, deher fl-antoloġija tal-EUPL *European Stories*



# MALTA

**Aleks FARRUGIA**
**Ir-Re Borg**
***The King of Malta***
SKS Publishers, 2022
Language: Maltese
ISBN: 9789993217749

**BIOGRAPHY**

**Aleks Farrugia** (born in 1978) is an author, historian and journalist. His first work was a drama, *Ħiisa il-Mera*. His debut novel *Grasshopper* (2016) was shortlisted for the National Book Prize. His short story collection, *Għal-Glorja tal-Patrija* (2019), secured him the prize in that category in 2020, while his second novel *Camarata* (2021) was also shortlisted. *Ir-Re Borg* (2022) is his latest novel. Farrugia is Director (Culture) at the Culture Directorate and Site Manager for Valletta as the Unesco World Heritage Site.

**SYNOPSIS**

Mikiel Borg, a grocer known as 'ic-Chopper', transforms from a village debater to an unlikely political disruptor in Aleks Farrugia's *Ir-Re Borg*. After a trivial incident forces him to face Malta's bureaucratic institutions, Mikiel battles profound depression until a media binge sparks him an idea. He launches 'The Monarchical Party of Malta', challenging the two-party system. Despite initial scepticism, Mikiel wins the election, becoming a populist firebrand. However, a viral video stains his triumph, marking the start of a dramatic downfall. Farrugia's satirical narrative delves into Maltese politics, featuring Machiavellian manoeuvres, the unlikely social ascent of Mikiel's band club drinking buddies, all framed against the nuts and bolts of the Maltese electoral campaign and its fallout. Mikiel's flaws mirror the nation's, adding depth to the tragicomedy, inviting readers to ponder populist movements and the challenges of positive change.

**REPORT OF THE NOMINATING ORGANISATION**

The Nomination Board from Malta is nominating Aleks Farrugia's novel *Ir-Re Borg* to be considered by the organisers of the European Union Prize for Literature. This novel is a contemporary portrait of Malta's idiosyncracies as the smallest Member State of the European Union. It is a literary work that gives voice to the commoner amidst the clamour of super-politicians, who perform politics as a marketing and branding exercise. Mikiel Borg, the main protagonist of the novel, penetrates through this din with an electoral success, but perhaps not deeply enough to realise that he is undoubtedly a result, or a product, of a politics that is detached from the common citizens' everyday life (in this country that could be traversed in 10 minutes from any point on the island). So, do we truly practise democracy in Malta? Mikiel has an answer: 'NO', and the solution for this is a new Maltese Monarchic Party. The monarchy reminds Maltese readers of the country's political past as a British colony (Malta became a republic in 1974), and this is where the writer's prowess comes in, revisiting episodes in Maltese history to weave narratives that relate to the present. In fact, this novel can be considered as an extension of a collection of short stories with which Farrugia won the National Book Prize in 2020. The contradiction between revolutionary thought and the method of monarchic rule (the same rule that the people had rejected in the previous century) is the chink in the armour that leads to the tragic downfall of Mikiel on a personal level, but also on the national level as a people – have we Maltese learned from our past or are we still tripping over it? The ideological discourse emerges out of strategic plot points that trace Mikiel's political trajectory, the soil from which the Maltese Monarchic Party sprouts. Nevertheless, the narrative does not provide solutions, and the final anticlimax leaves the reader examining their conscience regarding the citizen's role along with that of the politician in Malta, and by extension, the role of the Maltese citizen and politician in the EU. We are therefore nominating this book because by predicting, without being pretentious, what would happen if core democratic values such as human rights and dignity, equality, respect, tolerance and the rule of law are put aside, it invites the reader to strive towards these crucial EU values as an active citizen.

*National Book Council in Malta*

- 96 -

- 97 -

# *Inizjattivi Relatati mal-Marketing*





Fl-aħħar sena, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iffoka l-kampanji tal-marketing tali mod li l-inizjattivi tiegħu dehru fuq pjattaformi differenti u b'forom varji. Dan ifisser li anki xogħol l-awturi u l-pubblikaturi lokali laħaq udjenzi ġodda.

Saret għażla konxja sabiex ma jkunx hemm xi pjattaforma waħda li togħla fuq l-oħrajn, u għalhekk sezzjonijiet diversi tal-popolazzjoni raw il-messaġġi tagħna bl-istess mod.

## Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

Wara t-tħabbira tal-edizzjoni tal-2024 f'Jannar, skattat kampanja fuq Facebook biex tippromwovi l-Konkors u tħeġġeġ kittieba jissottomettu l-manuskritti tagħhom. Il-kampanja bdiet f'Jannar u għalqet f'Settembru, u inkludiet għadd ta' testimonjanzi minn rebbieħa mgħoddija tal-Konkors u awturi li jiktbu letteratura għaż-żgħażagħ. F'dawn it-testimonjanzi l-kittieba tkellmu dwar l-importanza tal-Konkors, u l-informazzjoni kienet preżentata b'mod li jolqot l-għajn. Biex dawn il-powsts jilħqu aktar nies, kienu bbustjati mill-paġna tal-KNK.

## Il-Jum Dinji tal-Ktieb: *Kif Isir Ktieb*

Fl-okkazjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb, il-KNK ikkummissjona damma ta' filmati lid-dar tal-midja Lovin Malta, dwar is-sengħa tal-produzzjoni tal-kotba li kien jisimha *Kif Isir Ktieb*. L-għan kien li nuru l-istadji differenti ta' kif isir ktieb u x-xogħol involut sabiex inqanqlu apprezzament mill-pubbliku ġenerali.



Il-legatur Glen Calleja fl-ewwel episodju ta' *Kif Isir Ktieb*

Saru tliet filmati. Wieħed iffoka fuq l-istampar u l-illegar tal-kotba, ieħor fuq il-kitba, u l-aħħar wieħed fuq l-illustrazzjonijiet u d-disinn. Il-filmati dehru fuq l-Instagram u l-Facebook tal-Lovin Malta, u kienu segwiti b'artiklu mal-istess dar li inkluda u ppromwova s-serje.

Il-filmati rawhom madwar 50,000 darba, bejn Instagram u Facebook. L-ewwel filmat ħareġ fit-23 t'April biex jaħbat mal-Jum Dinji tal-Ktieb, u t-tielet u l-aħħar filmat ħareġ fit-22 ta' Mejju.

*Il-KNK iffoka l-kampanji tal-marketing tali mod li l-inizjattivi tiegħu dehru fuq pjattaformi differenti u b'forom varji*





Wara l-kwinti ma' Lovin Malta għas-serje
*Kif Isir Ktieb*

## Kampus Kotba 2024

Il-kampanja promozzjonali tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus inkludiet powsts regolari fuq Facebook u Instagram tal-KNK, bil-għajnuna tad-disinjatriċi grafika Sarah Cachia Falzon li ħadmet fuq il-powster u l-branding u artwork li twieldu minnu.

Inħolqu paġni fuq Facebook għal kull attività, li kienu bbustjati flimkien ma' powsts promozzjonali oħra. Il-Festival kien riklamat ukoll fuq pjattaformi lokali tal-midja. Dawn inkludew riklami b'banners diġitali fuq it-*Times of Malta*, *The Malta Independent* u l-Malta Daily. Il-*MaltaToday* u l-*Illum* ippubblikaw MuT mal-mistieden speċjali tal-festival, l-illustratriċi Irlandiża Karen Harte. L-Università ta' Malta ppromwovew l-avveniment mill-pubblikazzjoni ta' riċerka tagħhom, *Think*, b'emails li intbagħtu lill-istudenti u l-istaff, kif ukoll fuq il-mezzi soċjali tagħhom. L-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-Università qasam l-informazzjoni dwar l-avveniment mal-istudenti u l-edukaturi.

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024

Bi preparazzjoni għaċ-Ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024, il-KNK ħejja kampanja promozzjonali għall-kotba finalisti, li mbagħad kompliet bil-kotba rebbieħa, li inkludiet kontenut maħluq minn ġewwa, promozzjonijiet bi ħlas kemm fuq pjattaformi tradizzjonali u l-midja soċjali, kif ukoll kontenut editorjali fi mkejjen oħra. Il-KNK ħadem mill-qrib mal-ġurnalisti sabiex jassigura li l-kontenut tal-kittieba rebbieħa jkun kopert minnhom.

Il-pjattaforma tal-aħbarijiet online Malta Daily kopriet iċ-ċerimonja b'reel ippubblikat l-għada li kellu intervisti qosra mal-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri, mal-Ministru għall-Edukazzjoni l-On. Clifton Grima, u ma' mistiedna oħra. Wara ċ-ċerimonja, deher riklam bi ħlas fuq it-*Times of Malta*, il-*MaltaToday*, l-*Illum*, u d-*The Malta Independent* li esebixxa r-rebbieħa kollha tal-edizzjoni tal-2024.

Il-KNK ippromwova l-kotba finalisti kollha bil-kategoriji b'powsts bir-ritratti, li ġew ixxerjati u bbustjati fuq Facebook. Il-kotba tat-Terramaxka wkoll ġew promossi fuq il-pjattaforma tal-aħbarijiet online *Strada Rjali*, li magħhom il-KNK ħadem fuq filmati qosra bil-parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ.

Il-lista tar-rebbieħa kollha tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka dehru fuq il-markapaġni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024, li tqassmu lil kulħadd waqt l-avveniment.

## Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024

Bħalma ġara f'edizzjonijiet imgħoddija, il-kampanja tal-marketing tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tkun ippjanata b'ħidma mal-illustratur magħżul biex jiddisinja l-powster u mad-disinjatur grafiku kkuntrattwat għall-perjodu tal-Festival. Dis-sena, l-illustratur li ntgħażel kien Ed Dingli filwaqt li Sarah Cachia Falzon kienet id-disinjatriċi grafika. L-elementi varji li kkrea Ed Dingli għall-powster prinċipali ntużaw bħala leitmotif għad-disinji u l-artworks li Cachia Falzon ħolqot mal-progress tal-kampanja, ngħidu aħna strixxikli, stqarrijiet għall-istampa, u sinjali fost oħrajn. Xogħol Dingli serva bħala qafas għall-filmat promozzjonali tal-Festival, li kien ikkreat minn Kyle Xuereb Cunningham wara sejħa pubblika. Ix-xogħlijiet artistiċi kollha li nħalqu għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024 segwew it-tema ewlenija ta' din l-edizzjoni: #dinjietjirrimaw.




Il-kampanja ta' *Strada Rjali* għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024

Investiment apparti kien l-ingaġġ ta' Cachia Falzon bħala l-manager tal-mezzi soċjali u d-disinjatriċi grafika sakemm dam il-Festival, biex b'hekk kien assigurat traġitt mingħajr skossi u ż-żamma b'saħħitha tal-udjenza tagħna bis-saħħa ta' skeda aġġornata kontinwament ta' powsts, ritratti u filmati.

Il-KNK esplora mkejjen oħra biex jippromwovi l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Bis-saħħa ta' kollaborazzjoni mal-Benna, l-avveniment deher fuq madwar 100,000 kartuna tal-ħalib fil-ġimgħa tal-Festival. Il-Festival deher ukoll fuq billboards

diġitali fi tliet punti strateġiċi fil-pajjiż – l-Imsida Skate Park, is-Central Link u Triq tal-Balal – filwaqt li l-filmat promozzjonali bil-mużika ntwerew f'ħinijiet ewlenin fuq it-televixin u r-radju.

L-aħbarijiet dwar il-Festival intwerew b'mod prominenti fuq il-gazzetti ewlenin u l-pjattaformi online tagħhom, b'serje ta' artikli, stqarrijiet għall-istampa u strixxikli online.

Kemm il-*Malta Daily* u anki *Newsbook* ġew ikkummissjonati biex jiffilmjaw 'ħarsa' tal-Festival: żaru t-tinda tal-MFCC waqt il-jiem ta' preparazzjoni u waqt dawk tal-avveniment, rispettivament, u *Newsbook* reġgħu ġew jintervistaw lill-impjegati tal-KNK u xi msieħba oħra waqt li kien għaddej il-Festival. *Strada Rjali* ġibdu tliet reels promozzjonali fuq il-post, b'kull wieħed jiffoka fuq aspetti differenti tal-Festival, ngħidu aħna d-demografija u x'kien qed ikun offrut.

Il-mistiedna speċjali tal-Festival – Anthony Horowitz u Paul Lynch – attiraw lill-midja wkoll. Tal-ewwel kien intervistat minn ġurnalisti ta' *The Sunday Circle* u *The Malta Independent*, u tat-tieni kellu intervista esklussiva ma' *Newsbook*/*RTK* (filmat u radju) u mal-*MaltaToday*.




Promozzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024 fuq il-kartuni tal-ħalib tal-Benna

## Rebranding u Tiġdid tas-Sit

Il-KNK beda proċess ta' tiġdid fl-2024, wara li ntgħażlet il-kumpanija Concept Stadium b'sejħa pubblika. Ir-rebranding ikopri l-materjal kollu li n-nies tara, is-sinjali u l-materjal użat fil-promozzjoni tal-KNK bħala entità u fil-komunikazzjonijiet tagħha – kemm dawk interni u anki esterni. Qed nitkellmu wkoll dwar il-brand ewlenija u anki s-sub-brands marbuta mal-inizjattivi u l-proġetti ewlenin, id-dehra tal-wiċċ, it-ton tal-vuċi, u finalment l-użu adegwat ta' dawn kollha kemm mill-KNK imma anki minn imsieħba oħrajn bħal sponsors, entitajiet li naħdmu magħhom u operaturi individwali.

B'mod parallel, il-KNK ikkummissjona tiġdid sfiq tas-sit tiegħu li qed jagħmlu l-operatur preżenti 9HDigital, bil-għan li jingħata wiċċ ġdid lis-sit li huwa kontemporanju u ħafif biex tinnaviga fih. Dan jirrifletti l-isforzi inġenerali tal-KNK sabiex jidher aħjar u jkun aktar aċċessibbli kemm mill-imsieħba tiegħu u anki mill-pubbliku ġenerali.

It-tiġdid tas-sit se jimxi id f'id mal-proċess tar-rebranding, u l-elementi l-ġodda tar-rebranding se jkunu inkorporati b'mod naturali fl-istruttura l-ġdida tas-sit. Kemm ir-rebranding u anki t-tiġdid tas-sit mistennija jitniedu lill-pubbliku fl-ewwel xhur tal-2025.

Il-filmat ta' *Malta Daily* wera 'ħarsa' tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024



# *Konkorsi Letterarji*





## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef, li jittella' ta' kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jippremja l-aħjar poeżija miktuba bil-Malti mressqa anonimament lill-aġġudikaturi permezz ta' sejħa. Is-sitt edizzjoni ta' dan il-Konkors infetħet f'Ġunju tal-2024 b'sejħa għal poeżija oriġinali bil-Malti. Is-sejħa speċifikat li l-parteċipanti prospettivi setgħu jissottomettu poeżija waħda biss ta' mhux aktar minn 36 vers li qatt ma ġiet ippubblikata u permezz ta' psewdonimu biex b'hekk ġiet aċċertata evalwazzjoni anonima.

Fl-2024, is-sejħa twieġbet minn poeti fil-bidu tal-karriera tagħhom kif ukoll veterani: 58 poeżija b'kollox. Dan hu xhieda tal-prestiġju ta' dan il-Konkors li kulma jmur dejjem jikber. Ir-rebbieħa tħabbru nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru waqt ċerimonja tal-premjijiet fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024. Waqt id-diskors tiegħu, il-Kap Eżekuttiv Mark Camilleri esprima ottimiżmu dwar l-għadd ta' sottomissjonijiet f'din l-edizzjoni, li jissuġġerixxu li l-Konkors jibqa' punt fokali importanti għal dawk kollha li jiktbu l-poeżija bil-Malti, kemm jekk huma awturi stabbiliti kif ukoll ilħna emerġenti.

Matteo Pullicino kiseb it-tielet post fil-Konkors bil-poeżija 'Dupless' filwaqt li Louis Briffa kiseb it-tieni post bil-poeżija 'Stadji Minn Relazzjoni Fittizja'. Carmel Scicluna rebaħ l-ewwel post bil-poeżija 'Ħniex'.

Għal din l-edizzjoni l-ġurija maħtura mill-KNK kienet magħmula minn John P. Portelli, Rita Saliba u David Bezzina. L-evalwazzjoni saret fuq ħames kriterji: l-oriġinalità, it-teknika, il-forma, l-għażla tal-kliem u l-impressjoni tal-qarrejja. L-aġġudikanti ddeskrivew il-poeżija ta' Scicluna bħala "poeżija b'metafori ġo metafori, metafori friski u estiżi, iżda metafori li jinftiehmu. Il-




Ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2024: Louis Briffa, Carmel Scicluna u Matteo Pullicino

*Il-KNK itella' żewġ kompetizzjonijiet annwali li jiġbdu kontribuzzjonijiet ta' valur fil-poeżija u l-letteratura għaż-żgħażagħ*

ħsus f'din il-poeżija huma kważi 'mniffsa' f'linji sofferenti; il-lingwaġġ huwa mirqum u l-element narrattiv imħaddem tajjeb ħafna, imżewwaq b'emozzjonijiet pjuttost qawwija, u kif ukoll element kritiku socjali".

Iċ-ċerimonja ta' din l-edizzjoni ospitat il-qofol ta' skambju letterarju bejn il-poeta Malti-Marokkin Murad Shubert u l-poeta Emiratjan Ali AlShaali, li kkollaboraw fuq traduzzjonijiet tax-xogħlijiet tagħhom. Il-poeżiji frott ta' dan l-iskambju nqraw waqt din iċ-ċerimonja. Il-preżenza ta' Ali AlShaali fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb twieżnet mill-Fondazzjoni Emiratjana għal-Letteratura, u l-kollaborazzjoni tal-KNK magħhom se jsarraf fil-parteċipazzjoni ta' awturi Malti waqt il-Festival Emiratjan tal-Letteratura fis-snin li ġejjin.

Is-sejħa għat-tressiq ta' poeżiji ġodda għall-edizzjoni li jmiss tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef se tinfetaħ f'Mejju tal-2025.

## Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

L-edizzjoni tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ 2024 tnediet waqt ċerimonja speċjali fit-13 ta' Jannar, li fiha tħabbar ukoll il-manuskritt rebbieħ tal-edizzjoni tal-2023. Il-Konkors huwa organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ, u l-edizzjoni tal-2024 kienet it-tnax-il waħda mill-bidu tal-Konkors.

Il-manuskritt rebbieħ tal-2023 kien *be;n il-kmiem*, li kien sottomess minn Leanne Ellul u li se jiġi ppubblikat dalwaqt minn Merlin Publishers. Dwar il-manuskritt rebbieħ, l-aġġudikanti qalu, "hemm ħafna ħsieb wara n-nisġa ta' dan ir-rumanz. Il-kittieba għandha ħakma tajba ħafna tal-Malti u jidher li hemm ukoll l-esperjenza. Jittratta temi kurrenti b'mod kważi poetiku u frisk għall-aħħar li jirregala sens ta' kompletezza u memorabbiltà."

Ir-rebbieħa tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ 2023 tħabbret f'ċerimonja li saret f'Jannar 2024



Il-parteċipazzjoni fil-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ miftuħa għal dawk li għandhom 20 sena jew aktar, b'manuskritt bil-Malti u bil-firma ta' psewdonimu. Il-manuskritt eliġibbli jrid ikun immirat għaż-żgħażagħ, itul bejn 20,000 u 25,000 kelma, u jkun akkumpanjat minn taqsira tal-ktieb ta' 500 kelma. L-awtur rebbieħ jingħata l-premju ta' €1,000, ċertifikat, trofew u €2,000 t'għajnuna finanzjarja biex jippubblika l-manuskritt ma' pubblikatur tal-għażla tiegħu jew tagħha.

Is-sottomissjonijiet ikunu aġġudikati minn bord ta' aġġudikanti indipendenti maħtura mill-KNK, li jħarsu lejn erba' kriterji ewlenin: il-plot u l-iżvilupp tal-karattri, l-oriġinalità, il-lingwaġġ u l-kwalità. Fl-ewwel fażi, l-aġġudikanti jaqraw individwalment kull manuskritt, imbagħad ikun hemm diskussjoni mmoderata mill-amminstratur tal-proġett fi ħdan il-KNK. Wara dan kollu, l-aġġudikanti jippreparaw rapport komprensiv u kostruttiv dwar kull manuskritt sottomess, u kull rapport jintbagħat lil min issottomettieh rispettivament.

Għall-edizzjoni tal-2024 iddaħħlu tliet manuskritti, u l-aġġudikanti kienu Josianne Block, Glen Calleja u Matthew Schembri. Il-manuskritt rebbieħ jitħabbar f'ċerimonja f'Jannar tal-2025.

# *Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus*



Il-ħdax-il edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus seħħet bejn l-Erbgħa 20 u l-Ġimgħa 22 ta' Marzu fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta. Dan l-avveniment annwali jsir bis-saħħa ta' kollaborazzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma' dipartimenti universitarji differenti, organizzazzjonijiet studenteski, NGOs u entitajiet governattivi kulturali.

Dal-festival huwa t-tieni l-akbar wieħed relatat mal-kotba wara l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, u kull sena jippreżenta għadd ta' attivitajiet differenti li jattiraw lil studenti terzjarji u lill-pubbliku ġenerali lejn il-faċċati differenti tax-xefaq letterarju Malti. Kampus Kotba ikun organizzat tali mod li joffri pjattaforma għal skambju ta' ideat bejn l-istudenti, l-akkademiċi, il-kittieba u l-pubblikaturi.

Għall-edizzjoni ta' dis-sena, il-KNK laqa' lill-illustratriċi Irlandiża Karen Harte bis-saħħa tal-għajnuna mill-Ambaxxata Irlandiża f'Malta. Il-parteċipazzjoni ta' Harte hija turija tal-impenn tal-KNK lejn l-irwol kruċjali li għandhom l-illustraturi fl-industrija tal-pubblikazzjoni, kif ukoll tal-importanza li entitajiet kulturali jaħdmu flimkien. Fil-fatt il-Festival iseħħ b'ħidma li kull sena tħalli l-frott bejn il-KNK u diversi għaqdiet studenteski u dipartimenti kemm mill-Università kif ukoll mill-MCAST.

Fattur interessanti li kkaratterizza l-edizzjoni ta' dis-sena kien it-tipi differenti ta' pubblikaturi li pparteċipaw, b'kotba varjati kemm fl-udjenza li mmiraw lejha, fil-ġeneri letterarji jew akkademiċi li jittrattaw, u anki fil-produzzjoni nnifisha tal-ktieb bħala prodott kummerċjali. Kull pubblikatur offra perspettiva partikulari mis-suq lokali, u l-inħawi universitarji seddqu l-iskambju tal-ideat. Il-parteċipanti kienu l-pubblikaturi Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Horizons, Ede Books, Faraxa Publishing, Kite Group, Kotba Calleja, SKS Publishers, Malta University Press u Malta University Distributors, kif ukoll esebituri oħra bħall-Għaqda tal-Malti – Università u l-Kunsill Malti għall-Arti.

It-tinda ta' Kampus Kotba fil-kwadranglu tal-Università



*Dal-festival huwa t-tieni l-akbar wieħed relatat mal-kotba, u kull sena jippreżenta għadd ta' attivitajiet differenti li jattiraw lil studenti terzjarji u lill-pubbliku ġenerali*




L-illustratriċi Irlandiża Karte Harte tagħti workshop waqt Kampus Kotba 2024

Waħda mill-attivitajiet ewlenin kienet il-workshop li mexxiet il-mistiedna speċjali Karen Harte, li fih siltet it-traġitt personali bħala illustratriċi u tat pariri lil artisti ġodda dwar kif dawn jistgħu jsibu l-vuċi tagħhom f'din l-industrija. Harte mbagħad ingħaqdet mal-illustratriċi Moira Zahra, l-awtriċi Claudia Aloiso u l-moderatriċi Giuliana Fenech mid-Dipartiment tal-Ingliż fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex jitkellmu dwar il-proċess ta' kif issir illustratur ta' kotba għat-tfal.

Il-KNK jieħu l-opportunità tal-post li fih isir il-Festival – l-Università ta' Malta – sabiex iqajjem diskussjonijiet topiċi u jaħarqu. Fost l-oħrajn kellna d-diskussjonijiet 'Tkellem bil-Malti!' u 'Il-Kliem fit-Teorija', organizzati mill-Għaqda tal-Malti u Aphroconfuso rispettivament, li ddiskutew l-użu tal-Ingliż fil-Malti u kif il-Malti jista' jintuża f'aktar kuntesti. L-illustratriċi Audrey Degiorgio qajmet dibattitu ieħor, did-darba dwar suġġett relevanti: l-użu tal-AI fil-ħolqien ta' xbihat u kif jaffettwa xogħol l-artisti. Il-kelliema Michael Spagnol, Chris Gruppetta u Franco Curmi messew ma' aspett ieħor mill-industrija tal-kotba fid-diskussjoni 'L-Aċċess u s-Sostenibbiltà': l-impatt negattiv li d-distribuzzjoni diġitali ta' materjal pubbliku jista' jkollu fuq l-istabbilità tal-pubblikaturi lokali.

Il-Festival kellu wkoll tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, fosthom intervista dwar il-kitba Maltija bl-Ingliż f'rabta mar-rumanz *M* ta' David Samel Hudson u t-tnedija tal-ġabra ta' poeżiji ta' Donna Darmanin. L-istoriku William Zammit pparteċipa f'MuT dwar il-ktieb tiegħu rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023, *Slavery, Treason and Blood*, organizzata mill-għaqda studenteska Malta University Historical Society (MUHS).

# *Inizjattivi Oħra*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb itella' diversi inizjattivi tul is-sena, kif ukoll xogħol istituzzjonali bħal laqgħat konsultattivi, sondaġġi tal-industrija u ħlas ta' pagamenti, u dan dejjem skont l-avviż legali tiegħu.

## Laqgħat ta' konsultazzjoni

Il-KNK tella' żewġ laqgħat separati ta' konsultazzjoni fl-2024, fil-Lukanda Victoria tas-Sliema nhar id-19 ta' Jannar – waħda mal-pubblikaturi u oħra mal-awturi.

Waqt dawn il-laqgħat, ġew diskussi aspetti varji minn xogħol il-KNK. L-aġendi inkludew: L-Istrateġija tal-KNK; il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb – dati u suġġerimenti; Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – dati u suġġerimenti; il-London Book Fair u t-tnedija tal-ewwel Katalgu tad-Drittijiet Barranin; Is-Sondaġġ dwar l-Entitajiet tal-Pubblikazzjoni mal-NSO; il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus; il-Membri tal-Bord tal-KNK; il-brand tal-KNK u t-tiġdid tas-sit.

Il-pubblikaturi faħħru d-deċiżjoni tal-KNK li jibdel l-istruttura tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, sabiex jagħmlu aktar aċċessibbli għall-familji, speċjalment l-inħawi tal-Pjazza u d-daħla ewlenija. Qablu wkoll li Novembru għandu jiġi ssiġillat bħala x-xahar tal-Festival. Barra minn hekk, innutaw kemm ma jiġux nies għall-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, u ssuġġerew li jsir f'postijiet oħra. Dwar is-sit, il-pubblikaturi staqsew dwar il-kriterji magħżula għat-tiġdid, u rrakkomandaw li ninkludu riżorsi għall-pubblikaturi fis-sit, flimkien ma' kampanja ta' marketing tal-kotba bħala prodott lokali imprezzabbli.

L-awturi kkonkorrew mal-idea li jseħħ festival iżgħar qrib is-sajf li jkun jinkludi pubblikaturi Maltin, u jemmnu li l-kotba lokali qed jaffaċċjaw kompetizzjoni minn kotba barranin waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Issuġġerew ukoll li l-aġġudikanti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jipprovdu aktar dettalji dwar dawk il-kotba li ma jagħmluhiex mal-finalisti. Enfasizzaw l-importanza ta' tiġdid kontinwu fis-sit u l-arkivjar tiegħu fil-proċess. Finalment, l-awturi semmew il-Universal Basic Income għall-artisti, fosthom il-kittieba, bħala parti mill-istrateġija.

Dawn is-suġġerimenti ġew diskussi tul l-2024, u aktar dettalji nġabru fil-laqgħat mal-imsieħba bħala parti mix-xogħol lejn l-istrateġija. Bosta minn dawn is-suġġerimenti ġew implimentati, u oħrajn qegħdin inħarsu lejhom jew qed jiġu implimentati, ngħidu aħna l-iżvilupp ta' sistema awtomatizzata u trasparenti għall-aġġudikazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, u r-rivalutazzjoni ta' Kampus Kotba. Erġajna ddiskutejna dawn is-suġġetti fit-tul mal-pubblikaturi waqt laqgħa li saret fis-16 ta' Diċembru u aktar azzjonijiet se jittieħdu u jiġu preżentati f'Jannar tal-2025.

## L-Istrateġija tal-KNK 2025–2030

Aktar kmieni dis-sena, il-KNK beda l-proċess għall-Istrateġija ta' Ħames Snin bejn l-2025 u l-2030. L-Istrateġija qed tkun żviluppata flimkien mal-kumpanija ta' konsultazzjoni KPMG, li ntgħażlet wara sejħa kompetittiva f'Diċembru tal-2023. L-Istrateġija se twitti t-triq li l-KNK se jieħu għal dal-perjodu, u se jkun fiha miri fit-tul taż-żmien u titjib li jindirizza

*Il-KNK itella' diversi inizjattivi tul is-sena, kif ukoll xogħol istituzzjonali, skont l-avviż legali tiegħu*

l-ħtiġijiet kemm tal-imsieħba u anki tas-suq. Dan huwa l-ewwel proġett tax-xorta tiegħu mill-KNK, u attenzjoni speċjali qed tingħata biex l-Istrateġija tiggwidana lejn miri li fihom nistgħu naħdmu u li huma realistiċi. Wara laqgħat interni mal-KPMG – li fihom il-KNK spjega n-natura tiegħu u x'jieħu ħsieb – skattaw oħrajn mal-imsieħba ewlenin li kienu organizzati mill-KPMG biex dawn jifhmu l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-industrija tal-kotba f'Malta.

Mgħarrfin aħjar wara dir-riċerka, il-KPMG mexxew bl-abbozz ta' verżjoni inizjali tal-Istrateġija, li ġiet ippreżentata lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-On. Clifton Grima, fil-bidu ta' Novembru.

L-istrateġija ppjanat li nvarawha fil-bidu tal-2025 wara perjodu ta' konsultazzjoni.

## Xogħol Leġislattiv

Il-KNK baqa' jaħdem fuq it-tir li titneħħa għalkollox it-taxxa fuq id-dħul minn drittijiet. Fl-aħħar ftit snin, irnexxielna nnaqqsuha minn 18% għal 15%, imbagħad bin-nofs għal 7.5% f'Jannar tal-2023. Se nkomplu nisħqu li din tinżel għal 0%, u tkun ikkumplimentata b'inċentiv fiskali lill-pubblikaturi li jħallsu dawn id-drittijiet lill-awtur sabiex ikunu jistgħu japplikaw u jieħdu lura l-flus imħallsa bħala drittijiet.

## Iċ-Ċentru Malti tal-Ktieb

Iċ-Ċentru Malti tal-Ktieb hija inizjattiva ewlenija tal-KNK sabiex irawwem kultura ta' kotba f'Malta. L-industrija tal-kotba għandha tiggwadanja minn dan iċ-Ċentru, li se jservi bħala spazju b'użu varju u ċentru kulturali ġdid fil-Belt. Il-post mifrux fuq erba' sulari, u jinkludi kantina u bejt, se jkun fih ħanut tal-kotba,

Il-bitħa taċ-Ċentru Malti tal-Ktieb kif maħsuba minn AP Valletta



Id-donazzjoni ta' kotba lil San Vinċenz de Paul għal Ġnien ix-Xewqat Sbieħ



kmamar għall-qari, spazju għat-tnedijiet tal-kotba fost avvenimenti oħra, post għar-rikreazzjoni u l-uffiċini tal-KNK.

Fl-aħħar sena, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għamel passi sinjifikanti fl-iżvilupp taċ-Ċentru Malti tal-Ktieb. L-aktar wieħed importanti kien l-għotja tat-tender għax-xogħlijiet strutturali. Il-KNK qabbad lill-konsulent kulturali Dr Sandro Debono biex jgħinna noħolqu dokument għaċ-Ċentru bbażat fuq viżjoni, missjoni u valuri. Dan sar b'serje ta' konsultazzjonijiet ma' professjonisti u prattikanti fl-industrija Maltija tal-kotba. Il-budget allokat għal dal-proġett fl-2024 kien €400,000, turija tal-importanza strateġika tiegħu. Fl-istess ħin, il-KNK baqa' jaħdem mal-periti tal-proġett biex ikunu ppreparati t-tenders li jmiss, fosthom dawk relatati max-xogħol tad-dawl u l-ilma, kif ukoll dawk relatati mal-finishings. Dawn il-preparamenti kollha joħodna pass pass lejn ir-realizzazzjoni ta' dal-proġett.

## Il-film *Castillo* mwieżen mill-Fond għall-Adattament Ċinematografiku

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb laqa' b'ferħ is-suċċess mhux żgħir li kellu l-film *Castillo* ta' Take Two, li ntwera fis-swali taċ-ċinema nhar il-21 ta' Settembru 2024, u li kien finanzjat fil-biċċa l-kbira tiegħu mill-KNK. Dirett minn Abigail Mallia bi skript ta' Carlos Debattista, il-film saħħar lill-udjenzi u tela' fil-quċċata tal-aktar film muri fuq ġimagħtejn.

Wara das-suċċess, *Castillo* ntgħażel minn Malta bħala s-sottomissjoni uffiċjali tagħha għas-97 edizzjoni tal-Academy Awards għall-kategorija tal-Aħjar Film Internazzjonali. Dan huwa pass sinjifikanti għaċ-ċinema u l-letteratura Maltija fuq il-palk globali.

Il-film huwa adattament tar-rumanz *Castillo* ta' Clare Azzopardi u ppubblikat minn Merlin Publishers, li fl-2019 għamilha mal-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-produzzjoni tal-film saret possibbli bil-Fond għall-Adattament Ċinematografiku tal-KNK, l-akbar fond lokali tat-tip tiegħu li jwieżen esklussivament produzzjonijiet ibbażati fuq




Il-powster tal-film tat-Take Two *Castillo*, issapportjat mill-Fond għall-Addattament Ċinematografiku tal-KNK

ktieb, b'allokazzjoni massima ta' €200,000. Wara sejħa kompetittiva fl-2021, Take Two ntgħażlu minn bord indipendenti ta' aġġudikazzjoni biex jagħtu l-ħajja f'film lill-ewwel rumanz għall-adulti ta' Clare Azzopardi, sabiex jintlaħaq l-għan tal-fond li jippromwovi l-letteratura Maltija bis-saħħa taċ-ċinematografija. *Castillo* kien it-tieni film li ħa dan it-tip ta' fond, bl-ewwel wieħed ikun *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* bbażat fuq ir-rumanz ta' Alex Vella Gera li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-2013.

## Il-ħlasijiet tal-Education Exception

L-Għan tal-Education Exception hu li tikkumpensa lil min għandu d-drittijiet ta' xogħol letterarju għall-użu tiegħu fis-sistema edukattiva pubblika, u li ġġib lil Malta konformi mad-Direttiva tal-UE għas-Suq Uniku Diġitali. Tindika wkoll il-parametri ta' kif l-Organizzazzjoni Maltija tad-Drittijiet Reprografiċi (MRRO) tagħti l-liċenzja lil entitajiet edukattivi f'Malta li biha dawn ikunu jistgħu jirriproduċu siltiet minn materjal ippubblikat li hemm id-drittijiet fuqu.

Il-kuntratt tal-Education Exception kien ġie ffirmat u maqbul fl-2020 mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, l-Innovazzjoni u r-Riċerka, l-MRRO u l-KNK. Skont dal-kuntratt, il-KNK huwa l-entità responsabbli li tgħaddi l-flus lill-MRRO, li mbagħad tqassam il-fond lil pubblikaturi u awturi bil-liċenzja u rreġistrati magħha.

Fl-2024, kien hemm 17-il entità ta' pubblikazzjoni li bbenefikaw minn dal-fond, bil-flus jitqassmu għand total ta' 789 awtur.

Il-KNK jistieden lill-entitajiet tal-pubblikazzjoni li mhumiex imsieħbin biex jagħmlu dan billi jibagħtu email lil mrro.malta@gmail.com

## Il-paġna letterarja ta' kull ġimgħa fuq l-*Illum*

Ikkummissjonata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-paġna letterarja tiġi stampata fuq l-*Illum* tal-Ħadd, u mbagħad tiġi ppubblikata online. Dan huwa spazju fejn il-kontributuri mqabbdin mill-KNK jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar uħud mill-aħjar kotba Maltin, u jqajmu diskussjonijiet fl-ambitu letterarju.

Fl-2023 kien hemm 51 paġna letterarja, il-biċċa l-kbira minnhom kienu reċensjonijiet fuq ktieb jew kotba tal-adulti u ż-żgħar rebbieħa ta' premji letterarji. Oħrajn inkludew intervista ma' kittieb jew kittieba, u kritika letterarja tematika.

Il-kontributuri għal dis-sena kienu Elena Cardona, Daniel Cossai u Patrick J. Sammut. Cardona u Cossai rreċensaw il-kotba Maltin filwaqt li Sammut intervista lil awturi lokali.

## Donazzjonijiet ta' kotba

Bis-saħħa ta' donazzjonijiet lil entitajiet varji tul is-sena, il-KNK iħabrek sabiex il-kotba jkunu disponibbli dejjem aktar lil udjenza usa', b'mod partikulari lil komunitajiet żgħar li żgur jibbenefikaw minn aċċess għal librerija. Dawn id-donazzjonijiet mitqlu deheb, kemm jekk iservu biex issir librerija ġdida u anki jekk jintużaw biex itejbu waħda eżistenti biż-żieda ta' kotba rebbieħa ta' diversi premji.

Il-KNK kien strumentali sabiex jitwaqqfu libreriji mobbli ġodda fi Ġnien ix-Xewaqt Sbieħ fil-Faċilità ta' Kura fit-Tul San Vinċenz de Paul (SVP). F'Mejju, aktar minn 200 ktieb ġdid imlew tliet telephone boxes sabiex jippromwovu l-effett terapewtiku tal-qari fost min juża s-servizzi tagħhom. Għal din l-okkażjoni, il-KNK ta għażla ta' kotba l-biċċa l-kbira minnhom bil-Malti — minn rumanzi sa poeżiji u kotba tal-istorja jew ta' referenza — li se jgħinu lir-residenti biex il-memorja tagħhom tkun stimulata. Dal-kotba se jkunu qed jintużaw ukoll għal sessjonijiet terapewtiċi ta' qari li fihom ir-residenti titqanqlilhom il-memorja.




▲ Id-donazzjoni ta' kotba lil Malta Libraries fil-Jum Dinji tal-Ktieb 2024

Fl-istess xahar il-KNK bagħat donazzjoni ta' kotba li se jimlew l-ixkafef tal-librerija tal-Ambaxxata Maltija f'Ateni. Dawn il-kotba se jintużaw minn dawk li jżuru l-Ambaxxata, fosthom uffiċjali, klijenti konsulari, turisti, u l-Maltin li jgħixu l-Greċja. Bis-saħħa ta' dal-kotba, l-Ambaxxata Maltija f'Ateni tkun tista' tippromwovi l-kultura Maltija u tħeġġeġ il-qari dwar Malta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Il-kotba se jintużaw ukoll f'fori u attivitajiet differenti li l-Ambaxxata torganizza fil-Greċja.

Il-KNK żamm mat-tradizzjoni annwali tiegħu b'donazzjoni kbira ta' kotba lil Malta Libraries fil-Jum Dinji tal-Ktieb f'April, li ħafna minnhom inxtraw mill-pubblikaturi li pparteċipaw fil-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus. Id-donazzjoni inkludiet għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba għall-adulti u ż-żgħażagħ kemm ta' natura fittizja, mhux fittizja u akkademika, sa kotba għat-tfal – li Malta Libraries iqassmu fil-libreriji pubbliċi kollha f'Malta u Għawdex. F'Diċembru mbagħad seħħet donazzjoni oħra simili imma ferm akbar, did-darba b'kotba li nxtraw mingħand il-pubblikaturi li pparteċipaw fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

Dawn id-donazzjonijiet jassiguraw li l-ixkafef tal-libreriji pubbliċi ta' Malta u Għawdex jibqa' jkollhom l-aħjar u l-aktar kotba riċenti ppubblikati f'Malta. Barra minn hekk, jgħinu fid-dħul tal-awturi miktuba fl-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku.

## Il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku

L-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) toffri inċentiv lil min għandu d-drittijiet – awturi, illustraturi, tradutturi, edituri u fotografi – sabiex jitħallsu kull darba li l-ktieb jew kotba tagħhom jissellfu mil-libreriji pubbliċi kollha f'Malta u f'Għawdex (introdotta fl-2014) u mil-Librerija tal-Università ta' Malta (introdotta fl-2021).

L-iskema, li tkopri l-ħlasijiet għal-libreriji pubbliċi u l-Librerija tal-Università, hi amministrata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Fl-2024 il-ħlasijiet inħarġu kull kwart tas-sena, kemm dawk tal-libreriji pubbliċi u anki dawk tal-Università skont il-ftehim mal-Malta Libraries u l-Librerija tal-Università ta' Malta.

Il-fond totali għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku għall-2024 kien ta' €60,000.

## Id-database tal-ISBN

Il-KNK huwa l-aġenzija uffiċjali għall-ħruġ tal-ISBN (Standard Internazzjonali tan-Numri tal-Kotba) f'Malta skont l-istandards u l-obbligi internazzjonali. Il-pubblikazzjonijiet kollha bl-ISBN maħruġ mill-KNK huma elenkati fuq id-Database tal-ISBN. L-applikanti huma spiss pubblikaturi kummerċjali, iżda jistgħu jkunu wkoll entitajiet oħra, kif ukoll l-awtur tal-ktieb f'każ ta' awtopubblikazzjoni.

In-numru ta' ISBNS li nħarġu dis-sena żdied, b'total ta' 1127 kumparat ma' 871 fl-2023. Mis-sena 2024, m'għadhomx jinħarġu ISBNs għall-kalendarji. Mill-banda l-oħra, żdied l-ammont ta' ISBNs maħruġa għal kotba ppubblikati fuq pjattaformi online bħal Amazon.

## Inwieżnu lill-illustraturi tal-kotba u d-disinjaturi grafiċi

Fl-2024, il-KNK ġedded is-sapport tiegħu lejn il-Malta Community of Illustrators (MCOI) billi wieżen il-ħames volum tal-*Annwal tal-*

Il-wirja tal-MCOI 'Għada Jibda bl-Għajn' iffurmat parti mill-esebizzjoni *From Illustration to Book* waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024






Il-qoxra tat-ħames edizzjoni tal-*Annwal tal-Illustrazzjoni* tal-MCOI, b'illustrazzjoni ta' Marietta Mifsud




L-illustratur Ed Dingli jagħti workshop waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024

*Illustrazzjoni*. L-*Annwal* tnieda waqt l-edizzjoni li għaddiet tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, fejn ġew esibiti uħud mill-illustrazzjonijiet fil-wirja *From Illustration to Book* imtella' mill-KNK f'ħidma mal-Kunsill Malti għall-Arti (ACM). L-irwol tal-MCOI, li hi megħjuna mill-MCAST Research, huwa li tippromwovi l-illustraturi professjonali, li tixpruna l-użu tal-illustrazzjoni bħala għodda b'saħħitha ta' komunikazzjoni. Din l-edizzjoni tal-*Annwal tal-Illustrazzjoni* fiha 66 xogħol artistiku minn 44 illustratur Malti jew li hu bbażat Malta. Dawn intgħażlu minn bord ta' aġġudikanti magħmula minn Steven Scicluna, Fleur Sciortino u Philip Sultana, illustraturi distinti f'dan il-qasam li huma bbażati Malta kif ukoll barra minn xtutna. L-*Annwal* juri illustrazzjonijiet ikkummissjonati għall-qasam kummerċjali u tal-pubblikazzjoni, kif ukoll proġetti personali.

## L-Isfida Msella

Għar-raba' sena konsekuttiva l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wieżen l-inizjattiva L-Isfida Msella, kompetizzjoni tal-qari mnedija mill-Iskola San Anton. Il-konkors tinkoraġġixxi lill-isudenti jaqraw tliet kotba bil-Malti fi tliet xhur, imbagħad ilestu proġett relatat: powsters, proġetti ta' kitba kreattiva, jew siltiet animati. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tħabbru waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2024.

Il-powster tal-Isfida Msella, imwieżna mill-KNK għar-raba' sena konsekuttiva



# *Ir-Rapport Finazjarju*

## *Bilanċ miġjub mill-2023*

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Kontanti | | | 391.81 |
| Bank | | | 1,428,827.21 |

## *Dħul*

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Fondi governattivi (Rikurrenti) | | | 1,464,999.74 |
| Fondi governattivi (Kapital) | | | 400,000.00 |
| Miżati ta' parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u reġistrazzjoni għal workshop | | | 19,427.78 |
| Sponsorships (APS Bank, Il-Kunsill Malti għall-Arti, Aġenzija Żgħażagħ...) | | | 11,900.00 |
| Ħlasijiet għall-PLR (L-Università ta' Malta) | | | 264.19 |
| **Total** | | | **1,896,591.71** |

## *Ħruġ*[1]

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Malta Book Fund** | | | |
| Spejjeż tal-bank | | 258.00 | |
| Miżati tal-aġġudikanti | | 2,685.00 | |
| Għotjiet għall-proġetti | | 120,905.55 | |
| **Total** | | **123,848.55** | |
| **Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb** | | | |
| Salarji, allowances, overtime u bonuses | | 232,159.11 | |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni | | 83,903.28 | |
| Utilitajiet (Telefown u Internet) | | 1,719.91 | |
| Materjali u Provvisti (Xiri ta' kotba) | | 19,465.92 | |
| Ħlasijiet ta' sħubija internazzjonali (ISBN/ISMN) | | 1,181.00 | |
| Servizzi tal-uffiċju (Spejjeż operazzjonali) | | 27,103.70 | |
| Servizzi ta' informazzjoni (Reklamar u Marketing ) | | 72,877.83 | |
| Servizzi professjonali (Accounting u ħlasijiet legali) | | 33,371.80 | |
| Spejjeż tal-bank | | 512.30 | |
| Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus | | 18,452.50 | |
| Il-London Book Fair 2024 | | 41,172.80 | |
| Il-Frankfurt Book Fair 2024 | | 1,570.56 | |

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Vjaġġar fuq xogħol (konferenza tal-ISBN f'Pariġi, EUPL fi Brussels, Latina għall-Premju Invictus | | 3,396.95 | |
| Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef (Premju monetarji u l-miżati tal-aġġudikanti) | | 2,896.35 | |
| Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb (Miżati għall-aġġudikanti, premji u l-kiri tas-sala u l-ikel għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet) | | 24,480.00 | |
